IT-TIELET KTIEB — SETTEMBRU
TAT-TLIETA U GHOXRIN SENA — 1947.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR.

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

Editorjal—Il-Premju Ġużè Muscat Azzopardi — Faċċ. 65
Prof. P.P. Debono, O.B.E., M.D., F.R.C.S., D.P.H.—Diskors ta' l-Aġent Rettur ta' l-Università — ,, 65
Kav. Dr. Ġuże' Galea, M.D., D.P.H.—Diskors tal-President tal-"Għaqda" — ,, 67
Ivo Muscat Azzopardi, L.P.—Diskors ta' ħu l-Fundatur — ,, 69
Eċċ. Tiegħu s-Sur F. C. R. Douglas—Diskors ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur — ,, 71
A. Cremona—Diskors tar-Rebbieħ tal-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi" — ,, 72
Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., PH.D. (LOND.)—Diskors ta' l-Egħluq — ,, 75
A. Buttigieg, B.A., LL.D.—*Xita tad-Deheb* — ,, 77
Patri Ġużeppi Mejlak, S.J.—*Is-Sejħa* — ,, 78
Mary Meylak—L-Ewwel Xagħra Bajda — ,, 80
Dun Frans Camilleri—*Tiftaħx, ja Ward Sabiħ!* — ,, 82
Ġuże' Ellul Mercer—Triq il-Fatati — ,, 83
Erin Serracino-Inglott—*Xi Ħaġa Baqa'...* — ,, 85
L. Farrugia Bonnici—*Habibi l-Għasfur* — ,, 86
P. P. Theuma—*Is-Sajf* — ,, 86
Ġuże' Gatt—L-Istampa f'Malta — ,, 87
Reċensjonijiet — ,, 92
Rev. Koll. A. Copperstone, H.C.F.—*Lill-Maħbub Dun Anton Vella* — ,, 98
Ġ. Cassar Pullicino—Id-Djalogi ta' De Soldanis — ,, 99

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* SETTEMBRU 1947

# *IL-PREMJU ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI*

*DIN is-sena l-Viċi-President tal-"Għaqda" tagħna kien magħżul għall-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi" u l-preżentazzjoni tal-Midalja saret nhar it-Tnejn, l-4 ta' Awissu, b'ċerimonja l-aktar solenni fl-Università Rjali ta' Malta. Kien hemm l-Ecc. T. l-Gvernatur, li ippreżenta l-Midalja, is-Sinjurija Tiegħu l-Logutenent Gvernatur, l-Onorevoli s-Segretarju tal-Gvern, Kapijiet ta' Dipartimenti, Rappreżentanti tal-Kleru, tal-Professjonijiet u tal-Partiti Politiċi, Impjegati Għoljin, Membri Akkademiċi tal-"Għaqda", Professuri ta' l-Università u bosta ħbieb tas-Sur Cremona.*

*Okkażjoni bħal dik lilna tfarraġna u tgħamlilna l-ħila biex nissoktaw fit-triq li qbadna, triq li twassal biss għall-ġid tal-Malti. Dik il-laqgħa hi xhieda tal-ġieħ li tgawdi l-"Għaqda" fost l-aqwa nies ta' pajjiżna u turi xinhi sewwa l-fehma tagħna, fehma li ngħożżu u nseddqu lsien art twelidna u nweġġhu lil kull min jaħdem għalih.*

*Saru taħditiet ta' fejda u sbieħ u, biex ma jintesiex dak li ntqal f'dik l-okkażjoni għax jiswa ħafna bħala dokument tal-ħajja kulturali Maltija, aħna ser inġibu dawk it-taħditiet f'dan il-għadd ta' l-organu tagħna.*

*Traduzzjoni mill-Ingliż.*

**Diskors ta' l-Aġent Rettur ta' l-Università, il-Professur P.P. DEBONO, O.B.E., M.D., F.R.C.S., D.P.H.**

Jiena nqisu bħala privileġġ kbir għalija li l-lum ninsab hawnhekk, flok ir-rispettabbli Rettur, l-Onorevoli Professur Robert V. Galea, sabiex nilqagħkom b'isem l-"Alma Mater" tagħna, l-Università Rjali ta' Malta.

Aħna l-lum iltqajna hawnhekk biex nagħtu ġieħ lill-ħabib tagħkom u tiegħi, is-Sur Nin Cremona, u sabiex nidhru bħala ħaddara tal-preżentazzjoni li sa ssirlu tal-Premju Ġużè Muscat Azzopardi.

Dwar il-Premju Muscat Azzopardi u fuq is-Sur Nin Cremona intom tisimgħu minn għand oħrajn li biħsiebhom jitkellmu; iżda rrid ngħidilkom illi l-Università tagħna mhux biss tilqagħkom bil-qalb kollha, iżda fil-waqt li tagħmel dan, tħossha mimlija biha nnifisha mhux ftit talli kellha din l-okkażjoni. Xtaqt ngħidilkom ukoll il-għaliex xieraq illi din is-sempliċi, għalkemm iżda ċerimonja wisq kbira, għandha ssir f'dan il-bini miġruħ mill-gwerra, bini li kien u għadu l-post ewlieni ta' Tagħlm għal madwar tliet mija u ħamsin sena.

Ukoll l-iċken ħjiel ta' l-istorja tagħna għandu juri illi għalkemm aħna xtaqna bil-ħrara kollha l-libertà pulitika, aħna għal żmien twil konna poplu suġġett, u l-Ilsien Nazzjonali kellu, għalhekk, ukoll ibati l-konsegwenzi.

Il-lsien tagħna kien jitqies bħala lsien ta' nies dipendenti u qaddejja, u kien jitqies ukoll bħala lsien li ma jistħoqqlux il-posizzjoni u l-ġieh ta' lsien uffiċjali. Difatti ż-żmien ma kienx ikun wisq il-bogħod meta l-ewwel pass ta' dawk li kienu jixtiequ li jogħlew 'il fuq mis-soltu nvell ta' ħajja soċjali, kien li jiċħdu lsien art twelidhom.

F'dawn l-aħħar żmenijiet din il-feħma tbiddlet, u din it-tibdila kellha x'taqsam sewwa mal-għati tal-Gvern Responsabbli fil-1921, meta lill-Malti kienu tawh il-ġieh tal-Lsien Nazżjonali. Iżda wkoll meta l-Lsien Malti laħaq din il-posizzjoni, huwa dlonk sab ruħu mxekkel mir-rwiefen tal-pulitka, u kien il-mezz ta' ġlied li, xi drabi, xegħel u sar aħrax.

Kien ma' tul dan it-tiġrib ta' tfixkil u ġlied li fih sab ruħu l-poplu ta' Malta illi r-ruħ nazzjonali qamet u wieħed mill-aqwa effetti ta' dan il-qawmien ġdid kien illi l-Lsien Malti ntrafa' għalkollox u ħa l-istat ta' Lsien Nazzjonali.

Jidher, madankollu, illi l-Lsien Malti għadu juri xi sinjali ta' dawk iż-żmenijiet twal li fih kien jinsab f'qagħda ħażina ta' għajb bħala lsien ta' nies dipendenti u qaddejja u ta' meta ċaħdulu kull mezz li bih sata' jsir lsien uffiċjali. Il-letteratura tiegħu kienet fqira u, saħansitra, l-ortografija tiegħu ma kinetx għadha twaqqfet fuq sisien sodi. Bħal dawk il-priġunieri meħlusa tal-gwerra ta' l-aħħar li ġarrbu ħafna tbatijiet u nuqqas, il-Lsien Malti għandu bżonn li "jiksebi il-ħajja bid-drittijiet tagħha bħala lsien tal-poplu", li jintroqom u jissellef frażijiet li l-lum daħlu fl-użu, b'mod li jkun jista' bil-ġieh kollu jieħu l-istat ta' Lsien Nazzjonali.

L-Università Rjali tqis din il-ħajja ġdida tal-Malti, bil-ksib **tad-drittijiet tagħha**, bħala missjoni tagħha, missjoni li għandha titwettaq sew bil-ħidma akkademika u kemm billi wieħed imexxi 'l quddiem u jagħmel il-qalb lil korpijiet oħra li qegħdin jaħdmu għall-istess skop.

Din hija r-raġuni li għaliha nħossni hekk mim li bija nnifsi li lqajtkom hawnhekk il-lum, u din hija r-raġuni wkoll li għaliha b'mod partikulari jiena niżżiħajr lill-Eċċellenza Tiegħu, il-Viżitatur tagħna, talli huwa għoġbu jżejjen din iċ-ċerimonja bil-preżenza tiegħu.

Eċċellenza, Sinjuri,

Jiena għamilt id-diskors tiegħi. Jiena għidtilkom illi l-Università Rjali tqis l-isvilupp u l-koltivazzjoni tal-Malti bħala l-missjoni tagħha u li hija tista' tieħu taħt idejha t-tmexxija intellettwali ta' poplu liberu; hija tħares lejn iż-żmien li għad irid jiġi b'tama sħiħa billi taf li tista' torbot fuq l-għajnuna sinċiera ta' kull iben u bint Malta. Jien nagħlaq it-taħdita tiegħi bħalma bdejt billi nsellmilkom bil-qalb kollha u billi rroddilkom il-ħajr tiegħi talli għoġobkom tiġu għal din iċ-ċerimonja.

## Diskors tal-President tal-"Għaqda", il-Kav. Dr. ĠUŻE' GALEA.

Wara l-Monsinjur Dun Karm Psaila kien jixraq ħafna li jkun magħżul is-Sur Nin Cremona għall-Premju Muscat Azzopardi.

Bħal ma kulħadd jaf dan il-Premju twaqqaf biex ikun bħala kompens lil dawk li bil-ħidma tagħhom, bil-kitba tagħhom, bl-attività soċjali tagħhom jiswew ta' ġid lill-Malti; u għal dawn il-meriti kollha ma hawnx wieħed li jistħoqqlu l-Premju aktar mis-Sur Nin Cremona.

Is-Sur Cremona għadda l-isbaħ biċċa ta' ħajtu jitħabat u jħabrek għall-Malti, ilu mal-kwart ta' seklu jirsisti għall-Malti u ma' tul dawn is-snin kollha, il-Maltin saru jafu u japprezzaw lil Ninu Cremona bħala surmast, bħala letterat, bħala kittieb u bħala ħaddiem soċjali għall-moviment tal-Malti.

Bħala surmast lis-Sur Nin jafuh nofs l-istudenti ta' Malta u Għawdex u ħafna minn dawk li jokkupaw karigi għoljin fis-servizz, fil-professjoni jew fil-kummerċ, jafu biċċa kbira mis-

suċċess tagħhom lil Cremona li bit-tagħlim għaqli tiegħu mexxiehom u wriehom it-triq tal-progress; iżda Ninu Cremona mhux biss għalliem il-Malti, iżda kiteb kotba ta' tagħlim: antoloġija u grammatika, biex l-istudenti, aktar jaqbdu l-Malti bil-ħeffa. Cremona huwa l-aqwa grammatiku Malti, hu kiteb ħafna kitba tal-grammatika, mill-kotba żgħar u ħfief għat-tfal ta' l-iskejjel elementari sa grammatiki għoljin għal dawk li jridu jitgħallmu l-ilsien Malti bir-reqqa kollha. Is-Sur Cremona wkoll studja l-Malti xjentifikament u tħarreġ fl-Etimoloġija u fil-Filoloġija ta' l-ilsna Orjentali, hu orjentalista tajjeb u bħala hekk ismu qabeż il-limiti ta' din il-Gżira u ssemma fi bliet u ċentri kulturali barranin; mhux darba jew tnejn għorrief barranin kitbulu biex jagħtihom pariri fuq l-etimoloġija jew filoloġija ta' kliem Orjentali u dlonk joqogħdu fuq dak li jgħidilhom hu.

Is-Sur Nin Cremona hu wkoll wieħed mill-kittieba magħrufin ta' pajjiżna; kif hu universali fl-interessi kulturali tiegħu, hekk hu ħaddem il-friegħi kollha tal-letteratura Maltija. Kiteb bċejjeċ ta' storja li jinqraw b'tagħlim siewi, kiteb novelli li **jagħtu pjaċir** lill-qarrejja, kiteb poeżija l-aktar ħelwa u armonjuża u kiteb ukoll għall-palk; id-dramm tiegħu "Il-Fidwa tal-Bdiewa" hu wieħed mill-ftit drammi klassiċi Maltin.

Barra dan is-Sur Nin Cremona hu ħaddiem l-aktar ħabrieki fil-qasam soċjali. Minn kmieni iddedika ruħu għall-Malti u daħal f'kull għaqda; f'kull xirka, f'kull soċjetà li twaqqfu għall-Malti, kellu sehem f'kull moviment għall-ġid ta' l-ilsien tagħna. Sebgħa u għoxrin sena ilu ssieħeb mal-ħabib tiegħu l-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, li b'tifkira tiegħu twaqqaf dan il-Premju, u t-tnejn flimkien swew mhux ftit biex twaqqfet il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", li l-lum hi l-unika soċjetà akkademika li għandna f'din il-Gżira.

Is-Sur Cremona iddedika ħajtu għall-"Għaqda tal-Kittieba" u l-lum hu l-personifikazzjoni tal-finijiet ta' dik l-"Għaqda"; il-ħajja u l-ħidma tas-Sur Cremona huma mera u xhieda tal-ħidma tal-"Għaqda", u billi l-lum hawn xi wħud li donnhom ma jifhmux xinhu l-iskop tal-"Għaqda", nixtieq nieħu bħala eżempju lil Ninu Cremona biex infisser xinhi l-"Għaqda". Din ma hix korp politiku u ma tindaħal fl-ebda attività jekk ma tkunx letterarja, bħalma s-Sur Nin qatt ma ndaħal fil-politika jew f'movimenti oħrajn li ma kenux letterarji. Is-Sur Nin ma' tul is-snin ta' ħajtu kellu diskussjonijiet ma' xi wħud li ma

qablux miegħu, iżda hu qatt ma ġġieled magħhom jew ħadhom bil-ħerra; sewwa sew kif timxi l-"Għaqda" ma" dawk li ma jaqblux magħha, li dejjem fettxet li tfiehem bir-raġun, iżda qatt bil-ġlied. Is-Sur Nin qatt ma għadab għal ħadd, iżda dejjem fittex li jimxi bil-ħlewwa, hekk kif tagħmel il-"Għaqda", li dejjem tfittex li tiġbed in-nies lejha bil-kelma tal-ħaqq u tassewwa u billi turi li ma għandhiex skopijiet oħra ħlief il-ġid tal-Malti.

Imma s-Sur Cremona hu mera tal-"Għaqda" mhux fil-ħidma soċjali biss, iżda wkoll fil-kitba tiegħu. Kulltant tisma' min igħid li l-"Għaqda" nħolqot biex iġġiegħel il-kittieba jiktbu kliem safi jew kliem antik li ma jifhmu ħadd; il-"Għaqda" kitbet uffiċjalment kontra din ix-xorta ta' kliem; u s-Sur Nin Cremona fil-kitba tiegħu qatt ma warrab kliem barrani li jifhmu kulħadd biex inqeda bi kliem antik li ma jifhmu ħadd.

Mela s-Sur Nin Cremona jippersonifika l-ideal tal-"Għaqda tal-Kittieba" u billi dan l-ideal hu ta' interess nazzjonali, is-Sur Nin jistħoqqlu rikonoxximent min-nazzjon tagħna; dan il-Premju hu l-aqwa ġieh għall-merti letterarji li għandna f'Malta u jixraq ħafna li jingħata lil dan il-bniedem Malti li għamel ġieh lil art twelidu.

**Diskors tas-Sur IVO MUSCAT AZZOPARDI P.L., hu l-Fundatur tal-"Premju".**

Eċċellenza, Sinjuri,

Billi ħija Ġino, il-fundatur tal-Premju "Ġ.M.A." jinsab imsiefer u għalkemm għamel mill-aħjar biex f'din l-okkażjoni jkun fostna ħsiebu ma laħaqx seħħ, u ħija l-kbir Hugh, li kien imiss lilu jitkellem floku jinsab imsiefer ukoll, mess lili biex ingħidilkom dawn il-kelmtejn.

Is-sena l-oħra ħija Ġino meta kellimkom f'din l-okkażjoni qalilkom għalfejn waqqaf dan il-Premju u ma jidhirlix li jien għandi ntenni dak li ġa qalilkom huwa, imma se ntenni għeluq it-taħdita ċkejkna tiegħu meta stħajlu qed ikellem lil missierna u staqsieh: "Pà, lil kellek tagħti midalja tad-deheb lil min ħadem l-iżjed għall-iżvilupp tal-Malti li inti hekk ħabbejt, lil min kont tagħtiha?"

U ħija Ġino kien żgur li huwa kien iwieġbu: "Lil Dun Karm Psaila!"

U jien, f'din l-okkażjoni ta' għeluq il-20 sena minn mewt

Ġ.M.A. irrid bħal ħija nistaqsih: "Pà, li kellek tagħti midalja tad-deheb lil min ħadem l-iżjed għall-iżvilupp tal-Malti li inti tant ħabbejtu lil min kont tagħtiha? Pà, ftakar li Dun Karm Psaila, ġa ħadha."

Jien żgur li missierna kien iweġibni: "Lil Ninu Cremona."

"Il-għala, Pà?"

Missierna ma weġibnix għat-tieni mistoqsija, imma ġibidni minn idi, ħadni f'rokna, u tani f'idi ktieb biex nifli fih sewwa l-imgħoddi u meta bdejt inqalleb fih sibt il-ħajja ta' Ninu Cremona, ħajja letterarja li tinqasam f'żewġ taqsimiet: Qabel Novembru ta' l-1920 u minn dik is-sena sal-lum.

Qabel Novembru ta' l-1920 Ninu Cremona kien, flimkien ma' Dun Karm Psaila, id-dixxiplu l-aktar fidil ta' Ġ.M.A. Imxew pass pass fuq il-ħidma tiegħu u ħadmu bla hedu biex il-Malti jibqa' barra mill-isfera tal-pulitika.

Fl-14 ta' Novembru, 1920, saret l-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni maħtura biex thejji Rapport fuq l-Ortografija tal-Malti. Ninu Cremona kien magħhom, ħa sehem kbir, jekk mhux l-ikbar sehem, biex jitlestew l-Alfabet u l-Grammatika.

Fis-7 ta' Mejju, 1922, l-Istatut ġie mgħoddi u nħatar l-Ewwel Kumitat. Ninu Cremona kien wieħed minnhom.

F'Marzu tal-1925 ħareġ l-ewwel għadd ta' *Il-Malti*, l-organu uffiċjali tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Ninu kien wieħed mill-kittieba.

Imma kieku kelli nissokta ngħidilkom x'għamel Ninu Cremona fit-tieni qasam tal-ħajja letterarja maltija tiegħu ma nispiċċax qabel għada, iżda nista' niżgurakom li minn Novembru ta' l-1920, 27 sena sħaħ, sal-lum ma waqaf qatt. Kiteb poeżiji, novelli, biċċa tijatrali li tiswa mitqilha deheb: "Il-Fidwa tal-Bdiewa", artikoli fuq storja u filoloġija, eċċ., eċċ. Imma wkoll kieku minn dan kollu ma għamel xejn, kien ikun biżżejjed popolari bħala l-Kittieb tal-Grammatika Maltija li fuqha studjaw u tgħallmu l-Ilsien Malti mhux biss għaxriet ta' nies bħal fi żmien Ġ.M.A. ta' l-1920, jew mijiet ta' nies bħal sas-sena 1927 meta miet, imma eluf u għaxriet ta' eluf.

U kif ħija Ġino fil-ħolma tiegħu ra lil missierna qed jitbissem iħares lejn Dun Karm Psaila bil-midalja fuq sidru, jien ukoll qed narah ħaj, ferħan u hieni, miexi bejn tnejn min-nies, żewġ dixxipli fidili tiegħu, li miegħu qasmu l-imrar u l-hena li jaf jagħti l-Ilsien Malti: tnejn min-nies li l-lum jinsabu fostna,

b'geġwiġija ta' oħrajn warajhom, lesti biex jissoktaw dik il-ħidma li bdielhom huwa : Dun Karm Psaila u Ninu Cremona.

*Traduzzjoni mill-Ingliż.*

**Diskors ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, is-Sur F.C.R. DOUGLAS.**

Jien tassew fraħt meta din id-darba rġajt ġejt mitlub biex nippreżenta l-Midalja tad-Deheb ta' Ġużè Muscat Azzopardi,



Il-Gvernatur qed jehmeż il-Medalja fuq sider is-Sur Nin Cremona.

il-għaliex din, naħseb, hija l-iktar xhieda magħrufa ta' xogħol li jkun sar għal-Letteratura Maltija. Il-għażla, kif jidhirli, saret tajjeb ħafna. Is-Sur Nin Cremona mhux biss huwa kittieb tajjeb, sew fil-proża kemm fil-poeżija u fl-art drammatika, iżda wkoll kellu sehem kbir fix-xogħol tas-sistemazzjoni ta' l-ortografija u grammatika tal-Lsien Malti. Jidhirli li dawn huma ħwejjeġ ta' fejda u indispensabbli. Jiena ma nagħmilx ma' dik l-iskola ta' nies li għandhom il-fehma u jidhrilhom illi mhemmx

bżonn illi t-tfal toqgħod tgħallimhom il-grammatika ta' Lsienhom. Dan it-tagħlim hu meħtieġ jekk aħna rridu nitkellmu u niktbu bir-reqqa u eleganza. Barra dan, huwa taħriġ loġiku li fih innifsu huwa tagħlim ta' siwi għall-moħħ.

Is-sena l-oħra, jiena kelli l-pjaċir li nippreżenta l-Medalja lill-Monsinjur Psaila. Ta' min josserva illi dan ukoll mhux biss huwa magħruf bħala kittieb tal-Malti, iżda wkoll magħruf bħala bniedem li ħadem għall-Malti bil-kitba tiegħu ta' studju xjentifiku ta' l-Ilsien u bix-xogħol tiegħu tad-Dizzjunarju Ingliż-Malti illi l-Gvern qed joħroġ stampat. Jien semmejt din il-ħaġa l-għaliex huwa u s-Sur Cremona, it-tnejn flimkien, juru bl-eżempju tagħhom kemm jiżbaljaw dawk in-nies li jaħsbu illi bniedem artist ma jistax ikun ukoll bniedem xjentifiku. Dawn iż-żewġ kwalitajiet ma ssibhomx spiss imlaqqgħin flimkien, iżda meta jiltaqgħu, l-effett ta' din il-għaqda tassew jirnexxi. Il-ħsieb ta' l-artist idawwal ix-xogħol tal-moħħ xjentifiku u l-ġenju letterarju tiegħu iġagħlu li juri fil-għamla l-iktar ċara u li tħajjek l-effett tax-xogħlijiet xjentifiċi tiegħu.

Jiena għandi l-privileġġ li nippreżenta lilek, Sur Cremona, dan is-sinjal ta' għożża għax-xogħol li inti ħdimt għall-Ilsien u letteratura Maltija.

## Diskors tas-Sur NIN CREMONA, Rebbieħ il-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi".

Eċċellenza,
Aġent Rettur ta' l-Università,
Membri tal-Ġurija,
Delegat tal-Premju Ġużè Muscat Azzopardi,
President u Membri Sħabi tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti",
Professuri u Ħbieb.

Il-ħsieb sabiħ tal-Fondazzjoni ta' dan il-Premju b'tifkira tal-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, imwaqqfa minn ibnu, is-Sur Ġino, President Onorarju tal-"Għaqda", li wiret bid-demm biċċa sewwa mis-sengħa tal-Kitba Maltija ta' missieru, għandu tliet tifsiriet: l-ewwel waħda biex l-Isem ta' Ġużè Muscat Azzopardi jibqa' mfakkar fost il-Kittieba tal-Malti tal-lum u ta' dawk li telgħin, kif ukoll ta' warajhom, u t-tieni biex dan il-Premju jkun ta' ħeġġa u ħrara għall-istudju tal-Malti fost iż-żgħażagħ tal-lum, u t-tielet li jisfa' ta' fejda għall-Kitba Maltija —il-lum li l-Malti ntrafa' mill-għajb li fih kien sabu Ġużè Mus-

cat Azzopardi, meta hu, mill-bidu ta' żgħożitu bil-kitba tiegħu kien għamel ħiltu kollha biex jerfgħu u jagħtih il-ġieh li kien jistħoqqlu bħala Lsien mitkellem mill-Poplu b'inkejja tax-xkiel aħrax ta' dawk li dak iż-żmien kienu jistmerruh. Iżda għalija, nitkellem għalija, għax il-lum il-persuna tiegħi bħala wieħed mill-kittieba xjuħ tal-Malti, fil-laqgħa tal-lum, jidher li għandha xi



**Is-Sur Nin Cremona fil-ħeġġa letterarja ta' żgħożitu.**

sehem ckejken, forsi bla ma jistħoqqilha, fl-Istorja tal-Kitba Maltija tal-lum—narġa' ngħid, għalija, il-Premju Muscat Azzopardi għandu tifsira oħra : dik li dan il-Premju hu marbut mat-tifkira ta' persuna l-iktar għażiża fil-ħajja letterarja tiegħi—dik li jfak-

karni fil-Missier li fl-aħħar snin ta' għomru kien qabadni minn idi u ġibidni miegħu fil-qasam tal-Kitba Maltija u hemmhekk fetaħli trieq ġdida fil-ħidma letterarja tiegħi; dik it-trieq li jiena qatt ma kont ħlomt li nirfes fuqha, għax qatt ma kont għadni doqt il-benna u l-ħlewwa tal-kelma Maltija sew fil-proża kemm fil-poeżija.

Bis-saħħa tiegħu, li kien l-Ewwel President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", li bil-ħidma tagħha għandna ortografija soda magħrufa mill-Gvern, aħna nistgħu ngħidu li l-lum għandna poeti, novellieri, romanzieri, u studjużi tajbin tal-filoloġija Maltija. għax kienet il-ħidma tiegħu u l-kitba klassika tiegħu maltija sew fil-proża kemm fil-poeżija li ħeġġet il-moħħ u l-qalb ta' kittieba Maltin żgħażagħ, fosthom Universitarji, li kien ġibidhom miegħu u mal-Kittieba tal-Għaqda, u fetħilhom it-trieq tal-Kitba Maltija, meta għall-ewwel darba, bħala Direttur ta' "Il-Malti" tahom li jimlew bil-pinna tagħhom biss numru Speċjali ta' din ir-Rivista tal-"Għaqda" li minnha wara żmien tnisslet il-Għaqda tal-Malti (Università). Dan il-Premju jfakkarni fil-ħidma li ħdimt mal-Missier tal-Letteratura Maltija Moderna, bħalma dejjem sejjaħt lill-Poeta u Rumanzier Ġużè Muscat Azzopardi, li kien jafni student inħarbex xi versi, u, wara snin, f'waħda mit-triqat ta' din il-ħajja, iltaqa' miegħi, għamilli l-qalb, mexxieni, u jien bħal ibnu, ħdimt miegħu, bi ħrara u sedqa, bla ebda ħsieb politiku jew fieragħ, iżda dejjem marbut ma' l-istess sentimenti tiegħu ta' ġibda safja għal-letteratura Maltija u għall-progress tagħha.

Għalhekk fil-waqt li nżżi ħajr, Lilek, Eċċellenza, talli għoġbok bil-ħlewwa kollha żżejjinni b'din id-dekorazzjoni hekk patrijottika, u lilkom Membri tal-Ġurija tal-Premju Muscat Azzopardi, li fil-fehma tagħkom dehrilkom tagħżluni għal dan il-Premju, nilqa' bil-qalb kollha dan il-ġieħ bħala wirt ta' tifkira għażiża, u għażiża wisq iżjed mill-valur materjali ta' l-istess premju, wirt li jisboq fit-tifsira morali tiegħu kull ġid ieħor li l-lum stajt niret, wirt li jirbaħ kull ġieħ ieħor li sata' lili jingħata bħala xhieda ta' għożża ta' dik il-ħidma, li bis-saħħa ta' l-Imgħallem tiegħi, li tiegħu għandi din it-Tifkira, jien irnexxieli naħdem għal-ġid u progress tal-Lsien ta' Art Twelidi.

**Diskors tal-Professur ĠUŻE' AQUILINA,**

**B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.).**

Eċċellenza,

Sinjuri,

Fil-kelmtejn li għidt sena ilu bħal-lum meta l-ewwel Premju "Ġużè Muscat-Azzopardi" ingħata bil-ħaqq kollu lill-ewwel poeta tagħna, jiena faħħart, imbarra lil Dun Karm, il-ħsieb sabiħ tal-Fundatur li ħaqqu tabilħaqq jissejjaħ il-Mecenate tal-letteratura Maltija, l-għaliex bħal Mecenas, madwar elfejn sena ilu, inqeda b'ġidu biex iħajjar u jippremja l-ħidma tal-moħħ fil-letteratura tal-poplu tagħna. Dis-sena ma għandi xejn xi nnaqqas minn dan it-tifħir imma għandi tifħir ieħor xi nżid, it-tifħir lill-premjat ta' din s-sena, is-Sur Nin Cremona li rabat ismu ma' l-Ilsien Malti għal dejjem sakemm Maltija tibqa' din l-art tagħna fil-qalb u l-ilsien. Ħafna huma l-merti li s-Sur Cremona stħaqq l-gratitudini tagħna għalihom; merti li huwa ġabar tul ħafna snin bħala kittieb ta' proża għanja fil-frażeoloġija u ta' dramm letterarju "Il-Fidwa tal-Bdiewa", li fih hu fakkar b'sengħa sabiħa l-qlubija ta' ħutna l-Maltin tas-seklu ħmistax, meta, imxebbgħin mill-moħqrija tal-barrani huma ngħaqdu bejniethom, ġabru 30,000 fjorin u hekk fdew lil din il-Gżira li kienet mirhuna lil Monroy u li kien iqis lil din l-art u lin-nies ta' fiha bħal kieku l-art ma kinetx ħlief raba' u n-nies ta' ġo fiha bhejjem li taħdimhom u tħaddimhom għall-qligħ biss.

Imma l-akbar mertu tas-Sur Cremona, mertu li l-istorja tibqa' tfaħħru għalih hu x-xogħol ta' studju li għamel biex fassal ir-regoli ta' l-Ilsien Malti, u, flimkien mal-ħabib tiegħu, il-mejjet Ġanni Vassallo, ħareġ minn dawn ir-reguli dak il-ktieb li hu l-ewwel u l-aqwa dokument tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", jiġifieri "It-Tagħrif". Sejjaħtlu l-aqwa mertu tas-Sur Cremona mhux għax irrid inċekken il-merti l-oħra li nagħarfilhom is-siwi tagħhom, imma l-għaliex jiena ngħodd bħala l-aqwa rebħa fl-istorja ta' l-Ilsien Malti t-tqegħid ta' ortografija Maltija fuq prinċipji xjentifiċi. Poplu rasu flokha u li jibża' jidher, kif għandu r-raġun kollu jibża' inferjuri għal popli oħra ma setax iħalli l-għajb li l-Ilsien mitkellem mill-kbir u miż-żgħir

fl-irħula u fil-Belt Valletta, xorta waħda, jitħażżeż kif ġie ġie, kulħadd kif iħossu f'widnejh. Kif tafu intom huma l-illitterati li jiktbu hekk, in-nies li ma jkunux studjaw, kif għadkom tistgħu taraw minn ittri li nies imsefrin l-Awstralja u nħawi oħra tad-dinja jiktbu lin-nies tagħhom. Issa dan kien juri jew nuqqas ta' studju li hu nuqqas ta' moħħ, u li ma jagħmlilniex ġieħ, jew inkella taħwid ta' preġudizzji politiċi li jfixklu l-ħolqien ta' ortografija waħda. Biex tiffissa r-reguli ortografiċi ta' l-Ilsien Semitiku bħal ma hu l-Malti trid tkun studjajt mhux biss il-Malti imma l-ilsna qraba tiegħu. Fi kliem ieħor, il-ħolqien ta' ortografija hi ħaġa li jista' jagħmilha l-istudjuż biss, u mhux in-nies medhijin b'ħidmiet oħra. Meta nqis il-ġid li sar għall-Ilsien Malti mindu l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti xerrdet l-ortografija tagħha u l-aktar mill-1934 'l hawn mindu l-Gvern għarafha bħala l-ortografija uffiċjali, jien ma nistax ma nsellimx l-isem tas-Sur Nin Cremona u nifraħlu għall-ġieħ tal-premju li ħaqqlu tassew.

Kemm-il darba qrajt "Il-Malti", li hu l-organu tal-Għaqda tal-Kittieba, jiena ammirajt il-kitba tiegħu fuq il-grammatika tal-Malti u n-nisel tal-kliem li kienu juru studju u ħsieb. Min-barra li ammirajt din il-ktba jiena ħabbejtha bħala filata fl-ewwel ħitan tal-Filoloġija Maltija li minn dak in-nhar 'il hawn sabet fejn togħla iżjed.

Jiena nħoss li dan il-jum ifarraġ il-qalb tal-kittieb tagħna l-għaliex, għalkemm fiż-żmenijiet imwiegħra qatt ma stenna dan il-premju, issa jara li, bħal ħabibu Dun Karm is-sena l-oħra, laħaq hu wkol iż-żmien meta l-ideali ta' żgħożitu seħħu u saru patrimonju nazzjonali, il-għaliex nazzjon tibda tgħix minnha nnifisha u mhux minn fuq dahar nazzjon oħra barranija għal-kemm għanja għax uliedha kienu aktar fin-numru u iżjed magħ-quda, meta tibda tirrispetta lilha nnifisha u tqim l-Ilsien li l-poplu tagħha jitkellem mit-trufijiet kollha tal-Gżira mingħajr ebda għażla ta' klassi. Il-lum eluf ta' żgħażagħ draw jiktbu b'din l-ortografija li għandha r-reguli tagħha mhux maħluqin mix-xejn imma misjubin mill-istess natura ta' l-Ilsien Malti.

Dan il-jum iferraħ lili wkoll; l-ewwelnett, għax nifraħ nara l-mertu ippremjat, imbagħad l-għaliex is-Sur Cremona, barra li hu wieħed mill-kittieba li jiena nammira, hu wkoll wieħed mill-eqdem ħbieb tiegħi, miġbudin it-tnejn minn ideal wieħed li neħħa d-differenza li tgħaddi fl-età tagħna.

Kelma ta' l-aħħar: nifrahlu bil-qalb u nixtieqlu dak li dejjem xtaq hu: is-seħħ ta' kitba b'ortografija waħda li l-lum jinkitbu biha l-ġurnali kollha serji tal-Gżira u ħafna kotba ta' qari, ir-rebħa ta' l-Ilsien Malti u ta' l-ideal nazzjonali li għalina jinġabar fil-vers famuż:

*Malta fil-qalb u lsien, Malta Maltija*"

---

## XITA TAD-DEHEB

*Ta'* A. Buttigieg

Meta tehda t'April ix-xita bnina
li tiksi r-raba' b'kisja ħadra fina,
tibda ta' Mejju x-xita deħbenija
li traxxax minn ġox-xemx għargħar qawwija
li jdieheb lill-uċuħ barra mid-dwieli
u ftit egħlieqi tat-tadam bix-xtieli.
U meta ssir tad-deheb sa l-aħħar żbula,
u l-pepprin jegħja jiżfen f'tarf il-ħbula,
jasal il-minġel mgħawweġ tal-ħassad
li jħalli flok iż-żbul raba' bajjad.

Wieħed poeta lemaħ ħafna mnieżel
ta' qamħ u xgħir maħsud, u b'ħafna pniezel
suwed ħażżeż lill-Mewt bħala sultana
tħares mingħajr għajnejn lejhom daħkana.
Alla jaħfirlu kemm kien moħħu qsajjar!
Ta' qatgħa ta' ħamiem li għad tittajjar
ġo kull munzell hemm ġwienaħ bajdanin,
tal-pettirossi dbabar ħamranin,
hemm ġezziet mielsa ta' merħliet ta' ħrief,
u qaqi tat-tiġieġ u bajd bil-qfief,
ta' fuq l-uċuħ tat-tfal hemm il-wardiet,
hemm fi ftit kliem il-barka tas-smewwiet,
il-ħajja ġdida mnibbta kull rebbiegħa
fuq il-fdal ta' l-imwiet ta' l-art fil-qiegħa.

13. 8. 47.

# Is-Sejħa

*Ta'* PATRI ĠUŻEPPI MEJLAK, S.J.

(*Mit-Taljan*)

*Misit verbum suum*
*Venite ad me omnes*

Dugħajh 'il fuq biex jagħti l-barka rafa',
u kienu b'leħħa hienja għajnejh middija.
Il-Kliem bi ħlewwa kbira mar-riħ tafa',
iż-Żerriegħ Nazzarenu tal-qdusija :

— Intom ilkoll li tħossu ġewwa fikom
xewqa tal-Ġenna u minn did-dinja mxabbgħa,
*Ejjew* għal għandi, li Jien ġejt għalikom —
bi tbissima qal Hu mimlija mħabba..

Tmur tidwi dik il-Kelma tas-smewwiet
ma' l-ibħra, mal-għelieqi, u mal-għoljiet;

mal-għoljiet, mal-għelieqi, u l-ibħra ddub
is-SEJĦA mqaddsa tal-Mulej maħbub.

*  *  *

*Et protinus ...secuti sunt Eum.*

Tmur fuq il-bħajra ċara tal-Galil
mas-siekta fewġa
Il-Kelma tiegħu. Dlonk jibda t-taħjil
iwarrad f'wiċċ il-mewġa,
fir-rix tal-qasab fuq xfar l-ilma mmejjel,
fil-bewsa tax-xemx sħuna f'nofs in-nhar :
bħal ġelbin faqsi minn ta' eluf ta' xtejjel
li fir-rebbiegħa jżejnu l-art bin-nwar.

Il-Kelma tiegħu tmur bħal ħsieb irqiq
tâmar bis-saħħa :
— Imxu warajja — Kull qalb irżina t-triq
malajr taqbad minn tagħha.
Jerħu s-sajjieda l-baħar, il-parit,
id-dgħajsa, u kollox...... is-Sejħa fehmuha,
imorru lejn Ġesù mingħajr taħbit
għalkemm ma jafu mnejn Hu ġej, min Huwa.

* * *

Mal-qasam tal-qamħ u d-dwieli, u mal-bur
imħolli għar-riegħi
Il-Kelma ta' l-Imgħallem tiġri u tmur
ittenni : — Ejjew għal miegħi. —
Għal dik il-Għajta jitilqu l-fies fit-tub
il-għażżieqa, u jmexxu lkoll ferħana,
...... bil-ħrara Lejh jinġibdu dawk il-qlub
bla ma jafu mnejn ġej jew min Hu dana.

Mal-ġebel aħrax, u mas-sbieħ għoljiet
tal-Palestina
tittajjar bħal għasfur titla' fis-skiet
dik l-imqaddsa Stedina.
Jerħu ż-żabbara slielem, mwies u ħbula
dment li l-Leħen fuq rashom huwa għaddej,
u lejn in-Nabi l-ġdid kollha jerħulha
bla mank jafu min Hu, jew mnejn Hu ġej.

* * *

*Et... evangelizavit pacem.*
*Euntes ergo docete omnes gentes.*

Lin-nies li nġabru ħdejh flimkien imxierka
u għalih ħallew id-dinja lkoll qalbiena
mar igħid : — F'qalbi waqqaft għamara mbierka,
u kull min jidħol fiha jsib il-ħniena.

Min beka s'issa ntih il-ferħ u nsabbru,
min għex fid-dlam intih id-dawl tal-ħajja;
*morru* dil-miġja tiegħi kullimkien ħabbru,
intom li smajtu s-sejħa u ġrajtu wrajha. —

Tmur tidwi dik il-Kelma tas-smewwiet
ma' l-ibħra, mal-għelieqi, u mal-għoljiet;
mal-għoljiet, mal-għelieqi, u l-ibħra ddub
il-BAGHTA mqaddsa tal-Mulej maħbub.

# L-Ewwel Xagħra Bajda

*Ta'* Mary Meylak

WAĦDA mill--aktar ħwejjeġ li l-iżjed jaħsdu l-bniedem hija dik il-qatt milqugħa fatata, toħroġ qisha ruħ, tbajjad ġo nofs ta' rata' sewdieni, tagħti l-qrajja', tbeżża', twaħħax, tinkwieta n-nies, f'kelma waħda dik il-Ħares ta' Xagħra Bajda li lilna, biex ingħiduha kif inħossu, ilkoll kemm aħna tniżżlilna msarinna f'riġlejna u jiġi li jkun hemm min taqbdu suffejra regulari. U le! Hi m'hi xejn, naf!... Imma, ma tafx!... Il-fantasija tagħna għandu jkun tħobb tkabbar wisq, daqshekk, li minn did-daqsxejn **ta' xagħra**, f'għajnejna npinġu minnha l-ħabel tal-forka. Dan isir mhux meta tidher xi xagħra bajda fi tfulitna, għax b'din in-nies tifraħ għax tgħid li ġġib ir-riżq. Il-għawġ u d-dwejjaq li rrid infisser jien, huma dawk li nħossu, meta tidher ix-Xagħra l-Bajda ta' bejn il-għoxrin u t-tletin jew ta' bejn it-tletin u l-erbgħin.

Għax ftit qabel jew ftit tard, ix-Xagħra l-Bajda tasal żgur, min jibqa' ħaj! U ssewwed il-qalb u ma ssewwidx ikollna nifthulha l-bieb beraħ u nitqannew biha. Id-dinja tiftaħar tant li ma joqgħodx dubbien fuq imnieħirha, x'fettlilha did-darba lil dix-Xagħra l-Bajda qatt ma rat kif eżiljata, inkella għallinqas waħħlitha multa 'k terġa' titfaċċa 'l hawn, forsi ma tafx kif tibża' u tidħol f'qoxritha darba għal dejjem! Jisgħobbija tassew nara dal-għali kollu jissawwar imħabba fiha!... Taraħ kulħadd jibda sejjer quddiem il-mera u jikkonsulta bejnu u bejn ruħu fuqha, lanqas li kienet hi l-kaptana li qiegħda tmexxi t-tmun ta' ħajjitna, je.. negħerqu jew inċafċfu, u minnha jiddependi kollox! Qisha għalina l-frosta li tkeċċina minn ġol-ġenna taż-żgħożija daqs dak is-sejf tan-nar li keċċa lil Adam u 'l Eva mill-ġenna ta' l-art. Ittellifna u tisfrattalna l-Eden ta' l-erbat ijiem ta' ħajjitna, titfi l-għors ta' żmienna, tgħibilna t-tbissima u tfiġġilna t-tikmixa, tmajnalna t-tamiet ta' qalbna, tiftħilna għajnejna bi xfar il-qasba. Din aqwa mid-darsa tal-għaqal!

Ma' l-Ewwel Xagħra Bajda nsibuna fuq il-għatba tax-xjuħija, hi iggranfata magħna u ma tridx titlaqna u aħna nagħmlu ħilitna kollha biex niżgiċċaw. Imma x'tiżgiċċa! Hi nirraha mbierka għad li rqiqa, torbot tajjeb aktar minn gumna! Donnha x-xjuħija b'dix-Xagħra Bajda qiegħda torbotna minn saqajna u

tqegħidna nperpru hemm skantati f'salib it-toroq, ħerġin minn triq iż-żgħożija u deħlin biex naqbdu triqitha. Aħna skantati u mbikkma u lanqas biss nifilħu l'eħħnu kelma, imma kulħadd qed igħid f'qalbu: "Imma kif igħaddi ż-żmien! Donnu l-bieraħ kont tfal!" U lanqas nilħqu nfennu l-kelma li ma nħossux li x-Xagħra l-Bajda qatgħet l-ingassa tas-sentenza u f'leħħa ta' berqa firditna għal għarrieda mit-tagħqid ta' żewġ naħiet u pespsitilna ġo widnejna: "La morna, morna!"

L-iffaċċar ta' l-Ewwel Xagħra Bajda huwa wieħed mill-aktar mumenti solenni ta' ħajjitna. Solenni u funebri... Ara tmeruni! Jekk tgħidu li ma tħossux dan, ingħid li mintomx sinċieri. Dak il-ħin kulħadd iħoss għoqda telgħet fi griżmejh. Kif il-maħmieha ħassejna li donnu ġie xi ħadd u ngassalna isimna mill-għajnejn ta' l-ammiraturi tagħna. Ħassejna li aħna issa armajn żejdin fis-swali u fil-ballijiet, għax, kliem bejnietna, ta' tmintax l-imfittxija, ta' tmintax il-blanzuni, il-ħawħ u t-tuffieħ, ta' tmintax it-tfajliet sbieħ! U nħossuna diġà qalb dak id-daħk u ċ-ċaċċrar tas-soċjetà, it-tfajliet ħafna figurini belli u aħna figuraċċi antikalji, u narawna diġà mgħabbrin u nistgħu nitilgħu fuq l-ixkaffi.

Ara kemm hu minnu dan li qed ingħid, jiġifieri li kulħadd iħoss xorta għal dix-Xagħra l-Bajda, ara kif ħadd ma jiflaħ għaliha! Skond l-istatistika tal-kalklu tiegħi, disgħa u disgħin fil-mija tan-nies tad-dinja huma kollha assassini u qattiela minħabba fiha. Ibda minni! Issa jekk tridu twassluni, wassluni! Jiena dnubi nistqarru! L-Ewwel Xagħra Bajda, kulħadd, kulħadd, malli jaqbadha, araħ sejjer għal-l-imqass, u miskina, jaqtgħalha rasha. Qatt ma sar ħaqq minn ħadd fuq it-tneħħija ta' ħajjitha, imma hi donnha titlob vendetta minna u taslilna qliel fuq rasna. Donnha tfaqqas toħroġ il-għaġeb! Sa l-għada fil-għodu flok waħda nsibu sitta tfaċċaw 'l hawn u 'l hemm u nżidu kuljum. F'qasir żmien insibuna mżewqa ġmielna, rasna titgermed u tiggriżja, u aħna niżbgħu u nġibu 'l min jiżbogħ!... Imbagħad tgħiduli li mhux kulħadd jeħodha bi kbira, din l-affari ta' l-Ewwel Xagħra Bajda!?.. Kieku daqshekk taħbit u nfiq ta' flus biex nerġgħu niskuraw xagħarna? U kieku daqshekk self ta' xahar minn naħa għal oħra, malli l-qorriegħa tibda titfartas?

Imma jeħtieġ, fl-aħħar mill-aħħar, indawru kollox għac-ċajt flok għall-buri. Ir-ras, din hi l-assjoma tagħha, u l-assjomi huma

ħwejjeġ stabbiliti, narawhom b'għajnejna. Ir-ras bil-fors bajda trid issir. Jew bit-tfartis inkella bix-xagħar abjad, minn hemm trid tgħaddi u biex nifhmu dan ma jinħtiġux provi; ix-xeni ta' kuljum huma *"Quod erat demonstrandum"*.

---

## TIFTAĦX, JA WARD SABIĦ!

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Tiftaħx, ja ward sabiħ, quddiem għajnejna,
xerred 'il bogħod il-fwejjaħ
qalb il-widien u l-ġonna
għax aħna mitlufin f'ħolm aktar sbejjaħ.

Isbaħ minn lwien il-ward id-deheb u l-fidda,
tlellix il-flus u l-frugħa.
Il-lum il-Ġmiel u s-Sewwa
ħdejn il-pjaċir tal-ħajja saru bluha.

Isbaħ mix-xemx, isbaħ mid-dwal tal-kwiekeb
id-dwal tal-linfi tagħna
fis-swali kbar fejn jiżfnu
bla serħ iż-żgħażagħ mitlufin, sakrana.

Il-għerf sar bluha u telf ta' żmien il-kotba.
Dan huwa l-qawl tal-ħajja:
mhemmx ħniena imma moħqrija,
mibegħda flok imħabba. Hekk juru l-ġrajja.

Kollox inqaleb: għax il-Ħaqq u s-Sewwa
u l-Ġieħ ħolma ta' dari.
Ġmiel l-Arti u n-Natura
ma jgħoddx għalina: u xorta l-ġnien u x-xagħri.

Mel'agħlaq fommok ħelu, ja ward sbejjaħ,
biex taħbi l-ġmiel 'l għajnejna;
tarmix il-fwejjaħ fostna,
xerred il-ġmiel 'il bogħod, 'il bogħod minn ħdejna!

15. VIII. 1947.

# Triq il-Fatati

*Ta'* Ġużè' Ellul Mercer

MIN jaf min kien li taha dan l-isem; u kemm għaddew mijiet ta' snin u baqgħet dejjem tissejjaħ hekk; sa ma wasal żmienna, u kollox tbiddel u ntesa; u din it-triq bdiet tissejjaħ Triq tas-Sliema?

Tassew li sa ħamsin sena ilu, qabel ma nfetħet it-triq il-ġdida li hemm il-lum, li mix-xatt ta' l-Imsida tieħdok ħdejn il-fabbriki ta' Mamo u ta' Muscat, Triq il-Fatati kienet għadha t-triq ewlenija minn l-Imsida għal San Ġiljan u Tas-Sliema; madankollu ħadd ma kien isejħilha Triq tas-Sliema iżda Triq il-Fatati. Donnu li dan l-isem kien idoqq iżjed ħelu għal widnejn in-nies ta' dak iż-żmien.

Għaliex għandkom tkunu tafu li sa erbgħin sena ilu, il-biċċa l-kbira tan-nies kienet għadha temmen bil-ħarsiijet u bil-waħxi-jiet u bil-fatati; u bħalma kien hawn djar u għorof u mkejjen im-għammrin bil-fatati hekk ukoll kien hawn it-toroq tagħhom; u din kienet waħda minnhom.

Fi tfuliti ħadd ma kien jistaqsi għaliex dit-triq kienu laq-qmuha tal-fatati; u lanqas ħadd ma kien jibża' jgħaddi minnha; la bil-lejl u lanqas bin-nhar. Iżda kulħadd kien jemmen u jifhem li, ladarba ta' qabilna kienu tawha dan l-isem, tabilfors li xi dar-ba kienu jgħaddu minnha jew jidhru fiha l-fatati.

Kemm kienu ħelwin il-fatati u l-ħarsijiet; u kemm kien is-baħ iż-żmien li fih dawn kienu jiġġerrew mat-toroq, fid-dlamijiet fal-lejl jew fid-dawl ta' qamar; jew igħammru f'xi għorfa jew f'xi palazz qadim; u erħilhom jinbxu lil min kien ikollu l-ħila joqgħod lejl sħiħ magħhom, sa ma jgerrxuh, biex ma jiksrilhomx rashom iżjed!

Kemm kienu ħelwin il-ġrajja tagħhom, irrakkontati minn min kien ġarrabhom jew iltaqa' magħhom jew rahom xi darba; kemm kien hawn min kien rahom u ltaqa' magħhom kemm-il darba!

Il-lum kulħadd insiehom—l-aktar fil-bliet—u ħadd iżjed ma għadu jsemmihom; u ħadd iżjed ma jrid jaf bihom. U għaldaqs-tant ħafna minnhom kienu għebu bħalma jgħibu l-għasafar meta jonqoshom l-ilma. Għebu; u marru jfittxu mkejjen oħra, fejn isibu min jaħseb fihom u min irid jaf bihom u min jagħrafhom.

Għaliex, mhux biss il-bnedmin iżda l-ħarsijiet ukoll u l-fatati donnhom jindehxu u jitnaffru u jgħibu meta ħadd iżjed ma jkun irid jaf bihom.

Il-ħarsijiet u l-fatati ta' żmienna trid tħallas il-flus it-tajba biex tarahom, jixxadinjaw fuq xi ħajt imbajjad jew fuq xi liżar wieqaf, bil-mijiet tan-nies bil-qiegħda ma' dwarek, idaħħnu u jedhew u joħolmu ħajja kollha lwien u hena, bħal dik tal-fatati u l-ħarsijiet li mingħalihom ikunu qegħdin jaraw fuq l-imbajjad jew il-liżar li jkollhom biswithom.

Il-ħarsijiet u l-fatati ta' l-imgħoddi kont tarahom b'la ma tħallas flus—meta ma kontx iddabbar xi ħaġa minn għandhom ukoll. U kienu isbaħ minn tal-lum. Kienu sbieħ u koroh daqskemm jista' jkun sabiħ jew ikreh il-ħolm tal-bniedem, li la jista' jitfisser u lanqas jinkiteb jew jiġi mxebbah sewwa wara li jkun għadda u mar—ħolm saħħari, ta' fatati ta' lwien li ma jitfissrux, li jhenni lil dawk ta' xortihom tajba li jarawh, imqar darba biss ma' tul ħajjithom; jew ħolm li jwaħħax, ta' biża' li ma jitfissirx li, ta' kull darba li taħseb fih wara li tkun ħlomtu, jew li ssemmih tħossok tistħajjel li għadda; u tgħaġġeb lil kull min jisimgħek titħaddet fuqu u tfissru!

Kemm kienu tabilħaqq sbieħ iż-żmenijiet li fihom misserijietna kienu jgħixu mal-fatati u mal-ħarsijiet! Kemm kienu isbaħ miż-żmenijiet imdawla, imqajmin u fiergħa tal-lum! Il-fatati li ngħixu magħhom il-lum, meta nidraw bihom, idejquna u jxebbgħuna. Il-fatati ta' l-imgħoddi kienu tabilħaqq sehem mill-ħajja tal-bniedem, li kienet iktar imlewna, inqas tqila u eħfef ħafna minn dik li qed ngħixu aħna, bil-għerf tagħna u bid-dawl ta' tagħlim li ninsabu fih.

# XI ĦAĠA BAQA'.....

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

*Lill-ħabib tiegħi,*
*id*-Dr. Kav. Ġużè' Galea, *Rumanzier.*

Il-lejl għad ma daħalx u l-fiera f'xatt il-baħar
Maħnuqa nies tiffolla,
U bżajt li ħini u flusi ħlejthom kollha.
Iżda, ħabib, mhux kollox kollox tar mar-riħ...
Xi ħaġa baqa' !

U dħalt u lgħabt mill-ġdid sa l-bejgħ u x-xiri waqaf,
U dar kulħadd għad-dura,
U bżajt li ma kellix biex narġa' lura.
Iżda, ħabib, mhux bwieti kollha sabu l-qiegħ...
Xi ħaġa baqa' !

U wsalt sa fl-aħħar l-art fi trufijiet ir-raħal,
Għalija ħadd ma rani ;
L-għajnuna ried tallab, ħasibni għani.
Iżda, ħabib, lil dan ukoll insib x'nagħtih...
Xi ħaġa baqa' !

U qabeż fuqi wkoll ħalliel fid-dawl ta' qamar
Sabiex jisraqli ġidi ;
U bżajt li ddawwar wisq, kont idi f'idi !
Iżda, ħabib, la l-lbies ilellex kien jaqdih...
Xi ħaġa baqa' !

U f'nofs il-lejl inġbart għajjien sultan il-faqar,
Bil-jies maqtugħ fuq arti...
Iżda fil-bieb laqgħetni mbissma marti...
Le, le, ħabib, mhux kollox kollox tar mar-riħ...
Xi ħaġa baqa' !...

29. 12. 46.

## HABIBI L-GHASFUR

*Ta'* L. Farrugia Bonnici

Ħabbejt oqsma u għasafar;
Ħabbejt ibħra u widien...
Kollu dak li mhux tal-bniedem
Fih sibt dejjem is-serħien.

Għaliex dawn li ħabbejt jiena,
Ma jafux x'inhuwa qerq:
Mhux bħall-bniedem li biss ħsiebu
Mill-qlub jaħsad tal-ferħ l-għerq,

U iħalli jibku mnikkta
Dawk li lilu ħabbu sħiħ;
Talli raddu lilu mħabba
Huwa lilhom radd żebliħ.

...Għalhekk 'ħuni bħal ħabibi
Għasfur ċkejken tal-widien;
Qalb l-għelieqi, bogħod mill-bniedem,
Hemm ingħixu t-tnejn flimkien.

Balzan, il-21 ta' Jannar 1947.

---

## IS-SAJF

*Ta'* P. P. Theuma

Spiċċat l-iskola tagħna
U bdew il-btajjel twal
Il-btajjel ta' sajf jikwi
U jgħum f'tax-xemx l-idwal.

Il-baħar qed jistiednek
Tintefa' ġewwa fih,
Ismagħha l-għanja tiegħu
Li qatt m'hemm li tixjieħ.

Għalija aħjar bil-qasba
Fid-dgħajsa 'l bogħod, 'il bogħod
B'kappell ġo rasi mdeffes
U bl-ilma taħt jirtogħod.

Luqa, 1946.

# L-Istampa f'Malta

*Ta' Ġużè' Gatt*

*(is-Sebgħa Taqsima; tissokta man-Nru. ta' Ġunju, faċċ. 56)*

META ġiet imwittija t-triq, billi min-nofs twarrab kull xkiel u twegħir li seta' jmiss u jolqot li'l-Ordni Ġerosolimitan, ukoll fl-iċken nuqqas ta' ġieh u qima li kien jistħoqqlu, bħala Ħakkiem ta' Malta, il-Gran Mastru Pinto beda jaħseb u jħabrek ħalli titwaqqaf l-Istampa hawn, għal'-qadi ta' dawn il-Gżejjer. Iżda, għad-debbus tat-tiftix kollu li għamilna, ma rnexxilniex naqbdu minn fejn seta' Pinto ġieb l-ewwel torkju li l-Ordni ħaddem f'Malta. Ħwejjeġ oħra li kellhom x'jaqsmu ma' l-Istamperija sibna minn fejn tħasslu, iżda, dwar minn fejn inkisbu t-torkji, xejn. Dil-biċċa tagħtina naħsbu żewġ ħwejjeġ: jew l-Ordni kien għad fadallu, maħżuna għandu, dawk it-torkji li darba kienu ta' Pompeo de Fiore, flimkien ma' xi tagħmir ieħor tagħhom, u Pinto nqeda bihom fil-bidu; inkella dawn saru hawn Malta, bħalma nħadmu torkji oħrajn, ukoll fi żmien Pinto, ftit tassnin wara li kienet ilha taħdem l-Istampa fi Gżiritna.

✻ Fost dawk li saru jafu bil-ħsieb tal-Gran Mastru Pinto, insibu lill-Istampatur fl-Istamperija tas-Senat (Ġurati) ta' Katanja, Dun Anton Bisagni, fejn l-Ordni kien jistampa l-Bolla Kruċjata ta' kull sena—mill-1745 sa dik ta' l-1753—għall-ħtieġa tal-Gżejjer tagħna.

Dak li f'idejh kellu t-tmexxija u t-tqassim f'Malta ta' l-imsemmija Bolla, tah l-isem ta' Kummissarju. Fiż-żmien li qed ingħidu, bħala Kummissarju, insibu lill-Kmandatur Fra Bernard Armaud, Qassis Malti ta' l-Ordni, magħruf ukoll bil-laqam *ta' Sardina*.

Armaud kiteb lil Bisagni, biex jibgħatlu xi għamliet ta' tipi milli kellu, ħalli jinqdew bihom għat-titbigħ tal-Bolla Kruċjata. Fl-14 ta' Novembru, 1752, Bisagni wieġbu u għarrfu li bagħatlu wiria ta' tipi magħżula, biex, kemm-il-darba jogħġbuh, 'il quddiem jista' jistampa l-Bolla bihom. Jekk le, jikteb Ruma malajr, ħalli jagħmlulu oħrajn ġodda. Terġa', minn dak li tarraflu, fl-ittra li kitiblu, bil-jedd kollu qabad li l-Gran Mastru hu bil-ħsieb u l-fehma li jdaħħal l-Istampa f'Malta. Għalhekk talbu biex jitkixxef u jara sewwa dwar dina l-ħaġa, ħalli, jekk dan hu

minnu, meta jkun il-waqt xieraq, igħaddilu xi kelma miegħu, (ma' Pinto), biex hu jiġi Malta, jaħdem fl-Istamperija ta' l-Ordni, sakemm jilħaq igħallem lil xi Malti. 'adarba, kif bagħat igħidlu, hi ħaġa tqila ħafna li jsib xi wieħed f'dik il-Gżira, li jista' jaqdih f'din is-sengħa (1).

X'ħareġ għażilha x-xewqa ta' Bisagni, ma nafux, għax għajr dak biss li għedna hawn fuq, ma sibna ebda tagħrif ieħor li jagħtina xi daw! iżjed dwarha. Biss nistgħu ngħidu, li l-Bolla Kruċjata li messha ssir għall-1754, ma għamlu xejn minnha. Il-biċċa l-kbira tad-drabijiet l-oħra dejjem hejjewha fl-aħħar xhur ta' kull sena, biex tilħaq għal oħra li tkun ġejja. Iżda fl-1753 ma stampawhiex. L-Ordni kien għad baqagħlu 19,000 waħda qodma minn ta' qabel, sewwiehom biex ikunu jistgħu jaqdu għas-sena 1754. Terġa', fiż-żmien li qed insemmu, ir- Re ta' Napli ried jibgħat xi Viżitatur tiegħu f'Malta u l-Ordni ma riedx joqgħod għal dan. Fuq hekk inqalgħet tilwima għas-sħiħ, u l-imsemmi Re qata' l-ħbiberija u kull ħaġ'oħra ma' dawn il-Gżejjer, li ma seta' jiġi xejn aktar minn Sqallija. Iżda meta ssewwew u ftiehmu bejniethom, l-Ordni stampa l-Bolla Kruċjata f'Palermu u f'Ruma u le aktar għand Bisagni ta' Katanja. U dan jagħtina naħsbu li jew Bisagni miet, inkella marad li ma setax jaħdem aktar.

Flok Bisagni, fl-aħħar jiem ta' Frar, 1756, wasal f'Malta minn Katanja, Dun Nikol Capaci, biex jieħu ħsieb ta' l-Istamperija ta' l-Ordni u jaħdem fiha bħala Stampatur. Dun Nikol, qabel ma sar Qassis, kien Patri Dumnikan (2).

Fit-28 ta' Frar, 1756, il-Gran Mastru Pinto kiteb lill-Kmandatur Castelli, Riċevitur ta' l-Ordni f'Palermu, fejn għarrfu li, billi qata' li jwaqqaf l-Istampa f'Malta, kien jonqsu t-Turkulier, biex jista' jagħti bidu għal dan ix-xogħol, li hu ta' ġid u ħtieġa kbira għan-nies ta' dawn il-Gżejjer. L-Istampatur li ġie hawn għarrafna b'wieħed tajjeb f'din is-sengħa. Dan jinsab f'Palermu, u jismu Ġużè d'Angelo. Għalhekk talbu biex jara kif jagħmel li jdawru u jħajru jiġi Malta, ħalli jaħdem bħala Turkulier fl-Istamperija ta' l-Ordni. Jekk dan irid jiġi, jista' jqabbdu wkoll it-triq ta' Ġirġenti, jew jibagħtu lejn Likata. Dil-biċċa kellu jfittex jagħmilha mill-aktar fis, hekda kif isir jaf li kellhom jitilqu xi bastimenti, biex imorru jgħabbu, minn xi wieħed mill-posti-

(1) Ara "Rapporto dei Regi Commissari d'Inchiesta", paġ. 20.
(2) Mss. Bibl. 12, paġ. 20, u No. 1146, vol. I, paġ. 853.

jiet li semmielu, il-qmuħ ta' l-Ordni jew tal-Gurati ta' Malta, ħalli b'hekk iġibuh magħhom 'l hawn. Iżda, kemm-il-darba dil-ħidma ma tirnexxix b'wiċċ il-ġid, billi dan ma jkunx jista' jiċċaqlaq minn fejn hu, jitkellem ma' d'Angelo u jikseb tagħrif minn għandu dwar xi Turkulier ieħor li jkun tajjeb u jinqala' sewwa f'din is-sengħa. Biss iqis li dan ma jkunx dak il-wieħed li jismu Gużè di Maria (3).

Hekk għamel il-Kmandatur Castelli. Sab lil d'Angelo u staqsieh jekk iridx imur Malta jaħdem fis-sengħa tiegħu. D'Angelo tħajjar u qagħad li jiġi hawn bħala Turkulier fl-Istamperija ta' l-Ordni. Castelli ħallaslu, mit-Teżor ta' l-Ordni, in-nefqa tas-safra kollha li d'Angelo għamel minn Palermu sa Malta—safra li swiet għaxart ewieq ta' Sqallija, li fi flus ta' Malta kienu jġibu 53 skud, 5 irbgħajja u 10 ħabbiet (4).

Barra milli l-Gran Mastru ried jara jiksebx xi Turkulier għal miegħu, ħa ħsieb ukoll biex ifittex iħassel xi ftit karta sewwa għall-Istamperija tiegħu. Għal dil-biċċa, qabbad lill-Uditur tiegħu Farrugia, biex jikteb Ruma lill-Abbati Coluzzi. Hekk għamel Farrugia. Fit-28 ta' Frar, 1756, bagħat igħidlu, li billi l-Gran Mastru għamel il-ħsieb li jdaħħal l-Istampa f'Malta, jixtieq li jkollu l-karta meħtieġa għal din il-ħaġa. Fuq hekk qabbdu jixtrilu 4, jew 6, inkella 10 kaxxi karta, u li trid tkun minn dik biss li hi tajba għall-istampa, fil-waqt li semmielu ma' liema xprunara kellu jibgħatha lejn Malta. Wissieh ukoll, li l-karta għandu jagħżilha mill-aktar sabiħa. Iżda, jekk 'il quddiem ikun

(3) Ark. ta' l-Ordni, vol. 1513. A.A. Gauci ,fil-kitba tiegħu, li semmeina kemm-il darba, igħid li l-Kmandatur Castelli kien Riċevitur ta' l-Ordni f'Katanja, barra milli jġib wkoll li minn din il-Belt kien it-Turkulier Gużè d'Angelo. Iżda, minn dan kollu li qal, ma hemm minnu xejn. Mill-imsemmi vol. 1513 ta' l-Arkivju ta' l-Ordni jidher sewwa li Castelli kien Riċevitur f'Palermu u mhux f'Katanja, u għalhekk d'Angelo kien Palermitan u mhux Katanjż. Ikollna ngħidu li l-ħtija ta' dan kollu aktarx hu li Gauci nfixel fil-kelma mqassra "Pal.o" li hemm fl-ittra tal-Gran Mastru lil Castelli. Gauci ħaseb li dik trid tingara "Palazzo", billi ġiebha hekk ukoll fil-kitba tiegħu, fil-ħin li fejn hija ma tfissirx ħaġ'oħra għajr "Palermo", il-belt li fiha Castelli kien Riċevitur ta' l-Ordni.

(4) Dawn il-flus kienu mogħtija lura u mħallsa lit-Teżor ta' l-Ordni, fit-22 ta' Settembru, 1756, mid-dħul li kellha l-Istamperija, kif jidher mill-vol. 2068, paġ. 212, ta' l-Arkivju ta' l-Ordni.

irid karta xi ftit inqas tajba milli qaliu, jerġa' jiktiblu mill-ġdid darb'oħra.

Għal dak li hu ħlas tal-karta, il-ħsieb tal-Gran Mastru hu, biex il-flus joħroġhom l-Abbati Arieti. Wara jitħallas mill-Kummissarju tal-Bolla Kruċjata. U ta' dan ix-xogħol ikollu l-qligħ li jmissu, kif inhi d-drawwa (5).

Konna għedna li l-Istampatur Capaci wasal hawn fit-28 ta' Frar. L-għada li ġie daħħal 25 skud bħala ħlas tiegħu. Hekk ukoll sar fl-aħħar ta' Marzu, billi reġgħu weżnuh 25 skud oħra. Iżda, fl-4 ta' Mejju u fl-1 ta' Ġunju tawh 15-il skud biss kull darba. Dawn tniżżlu li tawhomlu, fil-kotba ta' l-Istamperija, bħala għajnuna, u mhux bi ħlas, bħalma hekk intqal f'oħrajn ta' qabel (6).

Fit-22 ta' Marzu, 1756, il-Gran Mastru reġa' kiteb lill-Kmandatur Castelli, fejn talbu biex mat-Turkulier li kellu jiġi hawn, jibgħat sitt bċejjeċ ġlud, mill-aktar kbar u bla mittiefsa xejn, għall-mazez ta' l-Istamperija. Iżda, kemm-il-darba meta tasallu din l-ittra, dan ikun telaq, jaħseb biex dawn jibgħathom ma' xi ħadd ieħor mill-aktar fis li jkun jista' (7).

Għalkemm lil Dun Nikol Capaci tawh xi flus, sa l-ewwel tliet ħlasijiet li ħa, kien għad ma beda jaħdem xejn fl-Istamperija. Iżda, fl-14 ta' Mejju, 1756, telqulu f'idejh, b'kuntratt li sar bejnu u bejn il-Kummissarju tal-Bolla Kruċjata, il-għodod kollha ta' l-Istamperija li laħaq inzerta kien hawn f'Malta. Fosthom insibu torkju kbir għall-istampar tal-kotba u ieħor ċkejken għax-xogħol żgħir u għall-istampi. Wara, kull meta minn barra kienu jaslu xi tipi u ħwejjeġ oħra meħtieġa għall-ħidma f'din is-sengħa, kienu jitilquhomlu wkoll f'idejh. Biss, kull darba jsir kuntratt ta' dak kollu li jagħtuh (8).

Mela, ix-xogħol fl-istamperija minn Capaci, nistgħu ngħidu li beda sewwa sew fl-14 ta' Mejju li semmejna. Hemm waħdu, Capaci beda jhejji kollox għal postu u fejn imissu joqgħod, sakemm jilħaq jiġi t-Turkulier, li kienu qed jistennewh minn jum għal ieħor.

Għall-ħabta ta' l-aħħar ta' Mejju, wasal hawn it-Turkulier

(5) Ark. ta' l-Ordni, vol. 1513.
(6) Ark. ta' l-Ordni, vol. 2068.
(7) Ark. ta' l-Ordni, vol. 1513.
(8) Ark. ta' l-Ordni, vol. 2069.

Ġużè d'Angelo, u fl-1 ta' Ġunju tawh 12-il skud bħala għajnuna (9).

Dan beda jgħin lil Capaci fit-twaqqif ta' l-Istamperija, biex ifittxu jhejjuha għax-xogħol. Fl-aħħar, fil-5 ta' Ġunju, 1756, li ħabat is-Sibt, infetħet l-Istamperija ta' l-Ordni fil-Palazz f'kamra ħdejn it-taraġ, fejn il-lum hemm il-"Lieut. Governor's Office Registry".

Fuq il-bieb ta' din il-kamra kien hemm miktub "Stamperia". Ħafna nies marru jħarsu biex jaraw din il-ħaġa ġdida għal kollox għalihom. Iżda kien għad ma bediex isir xogħol fiha ta' l-Istampa, qabel it-28 ta' l-imsemmi xahar (10).

Mela, nistgħu ngħidu li l-Istamperija ta' l-Ordni twaqqfet fi Gżiritna sewwa sew fit-28 ta' Ġunju, 1756, bil-ħidma u s-saħħa ta' Manwel Pinto, Gran Mastru ta' Malta ta' nisel Portugiż (11).

Malli kienet imħejjija minn kollox, li tista' tibda x-xogħol, mar iberikha l-Kummissarju u Vigarju tal-Bolla Kruċjata, Fra Bernard Arniaud, billi l-Istamperija kienet maħtura li tagħmel sehem mill-Bolla li semmejna (12).

---

(9) Ark. ta' l-Ordni, vol. 2068, paġ. 212.

(10) Mss. Bibl. 12, paġ. 40 u 49.

(11) A. A. Gauci qal, fil-"Malta" tat-28 ta' Ġunju, 1937, li dan il-Gran Mastru kien Taljan—ħaġa li lanqas l-iċken hjiel biss ma għandha mis-sewwa.

(12) Miss .Bibl. 142, vol. 5, paġ. 184.

# Reċensjonjiet

**"DAWRA MISTERJUŻA"** ta' Mary Meylak. — Lotus Press, Żejtun, 1947, paġ. 72.

Mary Meylak il-lum hi magħrufa bħala waħda mill-mexxejja ewlenin tal-kitba Maltija u isimha jiddi fis-sema letterarju Malti bħala kewkba ta' l-aqwa dija. Għalhekk, biex ngħid hekk, wieħed kien jistenna li hi tikteb fuq dak l-element fejn hi timrah bl-immaġinazzjoni ħarkiena tagħha u mnejn hi titnebbah bil-lehma li tixegħlilha d-dehen bin-nar tal-ħlewwa u tal-ġmiel li jnisslu ħrara u ħajja fix-xogħlijiet tagħha.

Dan l-aħħar xogħol tal-poetessa Mary Meylak ma setâx jinħoloq ħlief minnha; hu xogħol spint, ambizzjus u fantastiku, imma għaldaqshekk hu wkoll sabiħ, oriġinali u ta' xejra ġdida fil-letteratura Maltija. Jiena ma rridx ngħid li d-"Dawra Misterjuża" tixbah lid-"Divina Commedia" ta' Dante, jew lil "Paradise Lost" ta' Milton, jew lis-"Secchia Rapita' ta' Tassoni, għax dawn it-tliet opri jerfgħu lill-qarrej 'il fuq minn din l-art u jeħduh b'ħajja oħra spiritwali u fantastika kif tagħmel id-"Dawra Misterjuża", imma ma nistax ma ngħidx li din l-opra hi ornament l-aktar għaxxieqi fil-letteratura Maltija.

Wara li tkellimna fuq ix-xejra ta' dan il-ktieb, jaqbel li naraw daqsxejn fuq il-għamla letterarja tiegħu. Bħal kotba kollha ta' Mary Meylak dan l-aħħar xogħol tagħha jolqtok bil-ħlewwa idjomatika tiegħu, bil-ħeffa tal-kostruzzjoni tiegħu, bl-armonija tal-versi u bil-għażla tal-kliem.

Ma hemmx bżonn li wieħed ikun iħobb il-Malti biex jitgħaxxaq b'versi ferriħin u mħeġġin bħal dawn:

"Kif sfajt hemm waħdi bdejt insewwed qalbi,
Għe fuqi bħal tbeżżiegħ,
Filwaqt inħoss min qed jinbixli xagħri
U nsib warajja r-Riħ".

Ta' min josserva li f'din l-opra hemm ħafna djalogi, imma l-ebda wieħed ma hu tqil jew imqanżaħ, iżda kollha ħfief u naturali hekk li qisek tisma' t-tweġiba għall-mistoqsija; fuq kollox tolqtok in-naturalezza f'dawn id-djalogi. Ara f'dawn il-versi li ġejjin qisekx qiegħed tisma' żewġ nisa jpaċpċu bejniethom!

"Jaħasra", għedtilha "dnub, tifel titilfu
Ma fihx x'tarmi l-Grigal!"
"Mur obsor, xiħ bħal dak minn ewl' id-dinja
Biex tgħidli li hu tfal!"

Imma fuq kollox jinħass is-sentiment patrijottiku f'dan il-ktieb: dlonk il-poetessa ddaħħal riflessjonijiet ta' sebħ u ta' tifħir lejn art twelidha u ħsiebha biss biex tħeġġeġ "sabiex Malta tiehu l-ewwel". Imbagħad hemm il-"Għanja lill-Bandiera Maltija" li jien inqisha bħala fawra ta' ġieħ u ta' mħabba għall-bandiera tagħna. Kull Malti nisthajlu qalbu tferfer għal versi bħal dawn li ġejjin:

"Dejjem fuq u qatt ma ninżel,
Mit-tron jista' jinżel re,
Ix-xemx tinżel kull fl-għaxija
Imma jien ma ninżelx, le!"

Il-letteratura Taljana għandha l-"Inno al Sole" u issa l-letteratura tagħna għandha l-"Innu tax-Xemx", dawn iż-żewġ poeżijiet ma jaqblux la fil-għamla u lanqas fit-tifsila, iżda t-tnejn għandhom fehma waħda li jagħtu ħjiel fuq dak il-għaġeb kbir li hi x-xemx. Araw fil-Malti din l-istrofa x'qawwa għandha biex tfisser il-kobor bla tarf tax-xemx:

"Il-ħolqien kollu tbissimlek,
Kif mix-xefaq wiċċek lemaħ,
Kuljum merħba l-wasla tiegħek
O Sultana ta' ġol-beraħ!"

Smajt bosta u bosta nies ifaħħru l-kotba ta' Mary Meylak li ħarġu qabel dan u ħafna qaluli biex inħeġġiġha u nagħmlilha l-qalb ħalli toħroġ kotba oħrajn. Min qalli hekk ma kellux f'moħħu ħlief li jara mseddqa u mkattra l-letteratura tagħna, għalhekk aħna bil-ħrara kollha nħajru lill-qarrejja jixtru dan l-aħħar ktieb tal-poetessa Għawdxija, għax jifthilhom moħhom u jżejnilhom il-librerija tagħhom.

G.

**"IT-TAħBILA TAL-KAMRA S-SAFRA"** ta' Gaston Leroux. Maqlub bil-Malti minn Erin Serracino Inglott. Malta, Giov. Muscat. 1947. Paġ. 272.

Miss May Butcher sentejn ilu f'"Il-Malti" ta' Settembru 1945, kienet kitbet biex tħajjar lill-kittieba ħalli jaqilbu fl-ilsien tagħna opri msemmijin ta' awturi barranin. Dan il-ktieb ta' Erin Serracino Inglott iwieġeb għax-xewqa ta' Miss Butcher.

Il-ktieb għandu l-merti tiegħu bħala biċċa xogħol oriġinali u bħala traduzzjoni mill-Franċiż għall-Malti; lilna bħala qarrejja Maltin jinteressana ħafna għall-għamla Maltija li tah it-traduttur.

Nibda biex ngħid li għal din il-biċċa xogħol ta' traduzzjoni ħadd aħjar mis-Sur Serracino Inglott ma sata' jindaħal; hu, bniedem ta' enerġija kbira, studjus mill-aktar u jaqra u jedha b'ħafna suġġetti ta' interess varju, għalhekk għandu ħażna kbira ta' tagħlim u ta' tagħrif li hu jaf jinqeda bihom biex jagħti sura sabiħa u ħajja ħarkiena lill-kitba tiegħu.

Fil-ktieb hemm bċejjeċ li jekk ma jinqalbux minn wieħed imħarreġ tajjeb mhux talli jirnexxu tqal u bla ħeġġa, iżda jdaħħku lill-qarrej; bċejjeċ bħal dawn it-traduttur mhux talli qalagħhom bil-għaqal, iżda ħariġhom bi ġmiel li jgħaxxaq. Id-deskrizzjoni tal-kamra s-safra wara d-delitt u r-rakkont bir-reqqa ta' kull ma ġara fil-Kastell Glandier fil-lejl tat-tieni delitt, huma żewġ siltiet li jgħaxxqu u jistgħu jingħaddu bħala kolpi letterarji ta' effett kbir.

Ix-xena fil-Qorti hija climax ta' qawwa li tolqtok bil-ħeġġa suġġestiva tagħha. Din ix-xena drammatika ta' effett li ma bħalu hi xhieda ta' l-id ta' l-imgħallem; it-traduttur mhux biss hu wieħed mill-aqwa awturi drammatiċi Maltin, iżda hu wkoll attur mill-aħjar u dawk il-kolpi di xena waqt il-proċess fil-Qorti, ried ikun hu biex jaqlagħhom hekk ħajjin li jibqgħu stampati quddiem għajnejn il-qarrej.

Il-ktieb hu mibni fuq l-istil ta' Conan Doyle u bħalma Dr. Watson jir-

rakkonta l-ġrajja ta' Sherlock Holmes hekk l-Avukat Sainclair jirrakkonta l-ġrajja tal-ħabib tiegħu.

Imma filwaqt li Sherlock Holmes hu ġwejjed u dħuli, Rouletabille hu prużuntus u deffusi. Id-detektiv Ingliż hu aktar perswasiv fl-istħarriġ tiegħu mid-detektiv Franċiż li jinħela wisq fuq l-irqaqat u fuq aċċidenti li donnhom ġraw biss biex iwettqu dak li kellu f'moħħu. Ħaġa oħra li ma tantx tinżel malajr lill-qarrej hi l-età ta' Rouletabille. Żagħżugħ ta' tmintax-il sena ma jkollux dak it-tiġrib tal-ħajja li bih ikun jista' jinqeda ħalli jsib it-tarf ta' taħbila hekk imħawda bħal dik li ġrat fil-kamra s-safra, imma l-awtur ma setax iġibu bħala bniedem ta' bosta snin billi kellu f'rasu li jlaqqgħu ma' ommu fi ktieb ieħor: "Il-Fwieħa tal-Mara Liebsa l-Iswed".

Dawn huma rqaqat li jmissu lill-awtur oriġinali Gaston Leroux, u li tagħhom mhux responsabbli t-traduttur li għamel biċċa xogħol sabiħa u li għalitha jistħoqqlu kull tifħir.

Il-ktieb hu t-tielet wieħed tal-ġabra ta' klassiċi Maltin li qiegħda toħroġ id-Ditta Muscat, tal-Belt, stampat tajjeb ħafna hekk li jista' joqgħod ma' ġenb l-isbaħ kotba stampati barra. Din il-ġabra ta' kotba klassiċi kemm għall-istampa ċara, kif ukoll għal-legatura, qiegħda tagħmel ġieh kbir lilna l-Maltin, għax turi li aħna wkoll f'Malta nistgħu noħorġu kotba ta' ġmiel u ta' għamla daqs dawk li joħorġu f'pajjiżi oħra.

G.

**"BIEX IDDERRI D-DWEJJAQ"** ta' Mons. Dun Pawl Galea. Malta, Empire Press, 1947, paġ. 60.

Dan ktieb ħelu li jdaħħak u jgħallem. Lil Monsinjur Dun Pawl Galea konna nafuh bħala wieħed li jaf xi jgħid ħafna, iżda b'dan il-ktieb wera ruħu li hu mhux biss jaf xi jgħid imma jaf ukoll kif isawwar u jħarref ġrajja li tingħoġob.

Il-kittieb jidher li hu bniedem ta' esperjenza kbira, u fittex li minn dak li hu ġarrab, joħroġ tagħlim u twissijiet li jiswew mhux ftit għal min irid jitgħallem jimxi bla tfixkil fit-triq tal-ħajja.

L-aktar li laqtitni hi s-sengħa li għandu l-awtur biex iżewwaq dak li hu siewi b'dak li hu ħelu, għax fost dawk il-mitt ċajta u qwiel, il-qarrej ma jistax jonqos li jsib xi ħaġa li tgħodd għalih. Bejn kull ċajta u oħra l-awtur kull darba jdeffes żewġt iqwiel u milli jidher, hu għażel qwiel li fihom kliem arkajku biex ma jħallihx jintesa; ara kemm hu hekk li xi drabi l-awtur jagħti t-tifsira ta' xi kliem tal-qwiel li l-lum ftit jafuhom.

Barra ċ-ċajt, il-ħrejjef, il-ġrajja u l-qwiel, l-awtur iżid biċċa studju fuq kunjomijiet Maltin imnisslin minn bliet jew artijiet barranin u jispiċċa b'poeżija fuq il-bandiera Maltija li fiha jfawru l-imħabba u l-ħrara li l-awtur iħoss għal art twelidu.

G.

"DWAR IL-POEŻIJA MALTIJA" — Studji Kritiċi ta' Ġużè Chetcuti. Lotus Press, Port Said, 1946; paġ. 89.

Dan il-ktieb fih ġabra ta' studji kritiċi dwar il-Poeżija Maltija magħmulin bil-għaqal minn Ġużè Chetcuti. Ix-xjenza tal-kritika għadha ma mxietx wisq 'il quddiem fil-letteratura tagħna, iżda dan l-aħħar bil-kontribuzzjoni ta' studji kritiċi minn Dun Karm, minn Karmenu Vassallo bil-ktieb tiegħu "alla taż-żgħażagħ", mill-Professur Aquilina, mit-Tabib Ġużè Galea u minn Ġużè Chetcuti u oħrajn, jidher illi x-xjenza tal-kritika qed titrawwem ġmielha.

Bix-xogħlijiet letterarji li laħqu saru u li qegħdin isiru fil-letteratura tagħna, aħna qisna bħal dak il-bidwi li jbakkar qabel iż-żerniq u joqgħod bil-qiegħda fuq is-setaħ tar-razzett tiegħu jħares madwar u jara kollox imgeżwer fl-istar tad-dalma ta' qabel l-għodwa, iżda maż-żerniq u ma' tlugħ ix-xemx huwa jara ħaġa wara ħaġa tieħu sura u tixgħel bid-dawl, jara l-kampnar tal-knisja tar-raħal tiegħu milqut mid-dawl tax-xemx u l-għoljiet u l-għelieqi u s-siġar jinbtu minn dik id-dalma u jieħdu sura. Hekk aħna bix-xogħlijiet letterarji qegħdin inkunu x-xhieda tat-twelid ta' ħajja ġdida, ta' ħajja letterarja; quddiemna qiegħda tissawwar dinja oħra li dejjem tistedinna biex nimirħu fiha.

Bil-kritika, aħna nkunu nistgħu aħjar nifhmu din id-dinja ġdida letterarja tagħna. Ġużè' Chetcuti fil-ktieb tiegħu jtina studji kritiċi tajbin dwar xi wħud mill-persunalitajiet ewlenin li bil-kitba tagħhom bnew iddejr sublimi tal-poeżija Maltija, dwar Ġużè' Muscat-Azzopardi, Dun Karm, Ġorġ Pisani, dwar "Katrin ta' l-Imdina", ta' Dwardu Cachia, dwar "Il-Gifen Tork" ta' G.A. Vassallo u dwar Karmenu Vassallo. Barra minn dawn l-istudji, Ġużè' Chetcuti jtina essays kritiċi oħra dwar il-poeżija nnifisha, bħal "Il-Qawmien tal-Poeżija Maltija", "Xinhu d-Dmir tal-Poeta", "Il-Poeta ta' Għada"u "Is-Sunett Malti".

Kważi l-istudji kollha li fih dan il-ktieb ta' Ġużè' Chetcuti jistħoqqilhom kliem ta' tifħir għax kollha huma magħmulin bil-għaqal u bil-ħsieb, iżda fosthom hemm studji bħal "Is-Sunett Malti", "Dun Karm", "Il-Qawmien tal-Poeżija Maltija" u "Il-Poeta Karmenu Vassallo" li juru biżżejjed il-ħila kritika ta' l-awtur u fuq kollox il-qawwa ta' l-osservazzjoni, is-safa tal-fehma u ċ-ċarezza tal-bini tal-ħsieb tiegħu.

Ġużè' Chetcuti li qabel kollox u fuq kollox huwa poeta qawwi qabel ma huwa prożatur u kritiku, b'dan ix-xogħol tiegħu jurina l-versatilità tiegħu billi jagħtina opra ta' kritika miktuba u msejsa fuq argumenti sodi u bi proża tajba u mexxejja. L-istil tal-proża tiegħu huwa konvinċenti u bla tlellix u bħala poeta, jidħol fil-qalba u fil-ħajja ġewwiena tal-poeżija u jurina s-sabiħ tagħha f'ġabra ta' essays. Dawk l-istudenti li forsi għadhom ma daqux mill-ħlewwa tal-poeżija Maltija għax forsi ma tantx huma miġbudin minn dan is-suġġett, meta jaqraw dawn l-istudji ta' Ġużè' Chetcuti għandhom jitħajru biex jaqraw u jifhmu l-poeżija Maltija li bħala l-aqwa frott tal-Moviment letterarju tagħna, tfisser b'qawwa r-ruħ tan-nazzjon żagħżugħa Maltija.

Ħamsin sena ilu l-Pijonieri tal-Lsien Malti kellhom għera u nixfa kulturali quddiemhom. L-Ilsien Malti kien għadu mżeblaħ u mxaħxaħ fin-nagħsa tiegħu. Is-sabiħ tar-ruħ tagħna kien għadu ma ġiex mistqarr

għax aħna konna bħal imbikkmin u bħal poplu li ma konniex nistgħu nfissru ruħna, iżda l-lum mod ieħor. Fil-letteratura sar xogħol kbir u fejjiedi u quddiemna ma għadx fadal dik il-għera kulturali. Il-lum għandna għadd ta' poeti li kollha għandhom il-personalità u l-individwalità tagħhom u issa jmiss lill-kritiku li jaqbad il-pinna sabiex ix-xogħol tagħhom jiġi ikkritikat kif imiss. Aktar ma jkollna studji ta' din ix-xeħta aktar l-ideat jikbru u jitwessgħu u x-xefaq tal-letteratura tagħna jikber u jitwessa' u fuq kollox jistagħna. Ix-xogħol ta' Guże' Chetcuti jisthoqqlu kull tifħir. Nittamaw li kritiċi oħra bħalu ma jħallux il-pinna tagħhom għażżiena. ANTON CASSAR.

**"GĦADU KEMM JIBDA!"** ta' Albert M. Cassola. — Lux Press.—1947, paġ. 314.

L-arti drammatika f'Malta ħadet xejra sewwa 'l quddiem kemm f'dik li hi ħidma u kemm f'dik li hi kitba. Tassew li *"Għadu Kemm Jibda"* x-xogħol għat-twaqqif ta' Tijatru Nazzjonali Malti, iżda jidher li tqiegħdu sisien sodi fuq blat samm. Jekk dak li qed ingħid irid jiġi msaħħaħ minn prova konkreta wieħed għandu biss iħares lejn il-kotba tat-tijatru li ħargu s'issa, fosthom dak ta' Albert M. Cassola.

"Għadu Kemm Jibda" hu ktieb ta' 314-il paġna li jiġbor fih ix-xogħlijiet tijatrali ta' Albert M. Cassola: żewġ kummiedji fi tliet atti— "Is-Sinjorina Ġiġġifogu" u "Errejdz"; kummiedja f'żewġ atti—"Si Vis Pacem..."; tliet kummiedji f'att wieħed—"Żewġ Avviżi", "Il-Beritta Bajda ta' Bil-Lejl" u "Sliema-Furjana fl-Istadju"; buzzett—"Il-Magħmudija tal-Pupi"; u erba drammi f'att wieħed—"Xofftejn Magħluqa", "Żwieġ il-Mewt", "Bejn Ħaltejn" u "Debris". Il-ktieb jibda bi Prologu (xi jgħid l-awtur) u jispiċċa b'Epilogu (xi jgħidu l-kritiċi).

Il-ktieb hu stampat b'format pulit u tidher l-akbar reqqa fit-tqassim tiegħu. Id-disinn tal-kopertina, ta' Mike, hu addattat kemm jista' jkun.

Hi ħaġa sabiħa kif l-awtur għaraf jippreżenta x-xogħlijiet tijatrali tiegħu, tistħajlu li hu dak ix-xandari qabel repertorju twil. Minn hekk jidher is-sens tijatrali f'Albert M. Cassola, li tassew kif jistqarr huwa nnifsu li l-ktieb inħoloq "mill-imħabba għall-arti drammatika li minn dejjem niftakarha tfawwar ġo qalbi".

Dwar l-awtur m'għandix xi nżid ma' dak li hu stqarr fil-prologu, għaliex fih insibu d-dettalji kollha meħtieġa għal min irid ikun jaf il-ħajra, il-ħidma u t-twettiq fit-triq letterarja tijatrali tal-kittieb.

L-istil tal-kitba huwa meqjus u addattat għal kull ċirkustanza, sew jekk umoristika jew ċajtiera bħal f'"Żewġ Avviżi" u kemm jekk għoli u poetiku bħal fi "Żwieġ il-Mewt". Il-karattri li joħloq Cassola jidher li hu jkun studja nies ma' dwaru, jinnutahom kif iġibu ruħhom u wara jtihom forma u sura bil-kliem u bl-ambjent li jqegħidhom fih. Id-direzzjonijiet li jagħti Cassola fix-xogħlijiet tiegħu huma aktarx tnebbiħ biss ta' dak li jkun jixtieq li jsir, mill-bqija ma jagħmilx deskrizzjonijiet twal, ħlief meta jiddeskrivi x-xeni fil-bidu ta' l-att.

Ma nistax ma nistqarrx li l-aktar biċċa xogħol li għoġbitni f'dan il-ktieb hija "Xofftejn Magħluqa", att drammatiku b'dik l-atmosfera

mqanqla li twassal għall-quċċata f'waqtha. F'dan l-att insibu biss tliet persunaġġi.

Bosta mix-xogħlijiet li nsibu f'dan il-ktieb kellhom prova tas-siwi tijatrali tagħhom fuq il-palk. Nittamaw li naraw bosta oħrajn jinħadmu minn kumpannijiet tajbin biex inkunu nistgħu ngħidu — tassew li t-tijatru Malti "Għadu Kemm Jibda", iżda beda tajjeb.

G. B.

**"IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-GRAZZJI"**, mill-Kappillan Dun Gius. Żarb, Lux Press, 1947.—Prezz 1s. 6d.

Barra l-arkivji uffiċjali tal-Gvern u tal-Knisja li għandna fi gżiritna hemm oħrajn li, għalkemm iżgħar, huma ta' interess kbir għall-istudjuż ta' l-istorja. Dawn huma l-arkivji tal-parroċċi fejn, ħafna qabel ma twaqqaf ir-Reġistru Pubbliku tal-Gvern, kienu jitniżżlu t-twelidijiet, l-imwiet u ż-żweġijiet ta' niesna l-qodma. Għandhom siwi kbir dawn l-arkivji, il-għaliex minn daqqiet, barra tagħrif ta' reqqa fuq dan ir-raħal jew dik il-belt li ma nsibu mkien ieħor, jixħtu dawl ġdid fuq il-ġrajja mlewna ta' misserijietna.

Ta' din il-għamla huwa t-tagħrif storiku li jagħtina l-Kappillan Dun Ġużepp Żarb, fil-ktieb ċkejken li għadu kemm ħareġ — tagħrif li, biċċa minnu, ftit qablu tawh l-importanza li ħaqqu. Qed ingħid l-iktar għal dik ix-xorta ta' devozzjoni tal-poplu għas-santwarji ta' gżiritna, issa lejn il-Madonna tal-Grazzja, issa lejn "Tal-Ħlas", jew "Tal-Għar" jonkella "Tal-Ħerba" li aktarx tinfexx f'ħafna wegħdi u fl-għati ta' rigali — ta' kwadri, żjut u xama', ktajjen u stendardi, deheb u fided — li jfakkru l-ġrajja ta' niket jew ta' ferħ li minnha tnisslet il-wegħda. Dan hu aspett ta' arti popolari li fuqu għad neħtieġu studju akbar f'artna.

Imma barra dan, il-Kappillan Żarb tgħarrfilna l-ġrajja tas-Santwarju mill-bidu nett, qabel ma ġie Dusina, sal-bini tas-santwarju l-ġdid bil-qniepen sbieħ tal-lum li jdoqqu l-Ave Marija kull erba' sigħat. U fost dettalji oħra għoġbitna t-tifsira kif il-festa ta' Ħadd in-Nies tilfet maż-żmien ix-xejra tagħha reliġjuża kif kienet issir nhar l-Erbgħa tar-Rmied, saret nofsha pagana u issa reġgħet ħadet il-bixra tagħha reliġjuża.

Fit-tifsir fuq il-kwadri li issa nġabru kollha fil-Mużew tal-parroċċa—ħaġa li jmissu jkun hemm fil-parroċċi kollha — nintebħu li l-kittieb ma qabadx u ħażżeż il-kliem kif ġie ġie, imma qabel kiteb qara x'kitbu l-istoriċi Maltin u barranin sa ma qabbel dak li kitbu huma ma' dak li deherlu kien ġara tassew skond ix-xhieda ta' l-istampa tal-kwadru. Xogħol ta' sabar — imma sewwa sew għax-xogħol ta' sabar iktar jiswa f'għajneju l-istudjużi u iktar idum igħix għas-siwi intrinsiku tiegħu.

Ma noqogħdux nitkellmu iktar. Min tassew jinteressa ruħu jixtri l-ktieb — u ma jibdielux. Jalla l-ħsieb tal-Kappillan Żarb iseħħ biex hekk, għada pitgħada, jara xewqtu mitmuma u tasal l-inkoronazzjoni tax-xbieha tal-Madonna tal-Grazzji.

G. C. P.

LILL-MAHBUB

# DUN ANTON VELLA

## KAPPILLAN TA' HAL QORMI (S. ĠORĠ)

### FIL-ĠUBLEW SAĊERDOTALI TIEGHU (20 TA' LULJU, 1947)

*Tar*-Rev. Koll. A. Copperstone

Jum hekk solenni
Li l-qlub iheuni:
Għalina edan,
Sur Kappillan.
Hbieb ta' żgħużitek
Tgħaxxqu b'tjubitek:
Fik l'ittamaw
Jisseħħa raw.
Tas-Saċerdoti
L-kbir ġieh fik mogħti,
Hidmitek bdejt
L'uriet kemm swejt.
In-nies inġemgħet
U kelmtek semgħet
Sa minn żagħżugħ
Dawl kont għal xjuħ.
Hal Qormi feraħ
Met' Ismek rebaħ:
Bik il-Qormin
Ġawhra mogħt'jin.
Hajtek q'tigħ b'ħlewwa
F'ħidma għas-Sewwa
Hames ħamsiet
Snin issa għaddiet.
Hieni u qalbieni
Imxi għall-ġejjieni:
Miegħek b'sħun talb
Għandek kull qalb.

---

Irċevejna r-"Rivista tal-Kleru", organu maħruġ mill-Patrijiet ta' Santu Wistin tal-Belt, mimli tagħrif u tagħlim ta' interess kbir.

---

Nifirħu bil-qalb kollha liż-żgħażugħ Saċerdot Dun Anton Sciberras, li qaddes l-ewwel darba fil-Knisja tan-Naxxar, nhar il-Vitorja, 8 ta' Settembru 1947. Dun Anton hu qassis ħabrieki, iħobb il-Malti u mimli ħeġġa u ħrara għall-ġid ta' għajru, ta' lsien art twelidu u ta' pajjiżu. Nixtiequlu kull ġid u hena fil-qasam tal-Mulej.

---

# Id-Djalogi ta' De Soldanis

*Bi studju ta'* G. Cassar Pullicino

**Kitba tas-Seklu XVIII**

ID-DJALOGI li sa nġibu hawnhekk inkitbu mal-mitejn sena ilu mill-Kanonku Għawdxi Gian Francesco Agius Sultana (jew kif nafuh il-lum u kif kien jikteb fi żmienu, De Soldanis) li għex mill-1712 sal-1770. Sa naqlagħhom mill-qabar tan-nisi għad-dawl tal-lum bil-ħsieb li nagħti xempju ta' kitba bil-Malti tas-Seklu Tmintax. Mhux għax ma nafux b'kitbiet oħra bil-Malti ta' l-istess żmien—kitbiet bħall-priedki li stampa L. Bonelli fid-*Dialetto Maltese* (Suppl. Arch. Glott. It., 1898, pp. 37-41) jew li għadhom jinsabu sal-lum manuskritti fil-Bibljoteka ta' Malta u għand nies privati, kif ukoll taqbil u poeżijiet ħfief li minnhom ġabar is-Sur Nin Cremona fin-Numru 7 ta' *Leħen il-Malti*. Imma proża Maltija qajla għandna ħlief dik tad-Duttrina bil-Malti tal-qassis Francesco Wzzino li nkitbet b'ordni ta' l-Isqof Alferan meta dan għaraf li tista' tikteb b'ilsien il-poplu fuq l-alfabet li De Soldanis kien sawwar għall-grammatka tiegħu tal-1750 (1). Imma din kienet kitba xotta wisq u xejn ma tixħet dawl fuq il-ħajja Maltija ta' dawk iż-żmenijiet. Mhux hekk dawn id-djalogi li bħalhom De Soldanis kien ġà ħareġ oħrajn iqsar fil-*Lingua Punica* li dehret fl-1750.

**Il-Manuskritt**

Nisiltuhom dad-djalogi mill-Ms. tal-Bibljoteka Nru. 144, li jġib l-isem *Nuova Scuola dell'antica Lingua Punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano aperta agli studenti Maltesi e Forestieri del Canco. Gian Francesco Agius—Parte Prima e Seconda—Seconda edizione cresciuta e corretta dall'autore.* Mela kif naqraw f'isem dan ix-xogħol, din mhijiex ħlief it-tieni edizzjoni tal-grammatika tal-1750, biss imkabbra u miżjuda. Nafu li ħames snin wara l-ħruġ tal-*Lingua Punica*, i.e. fl-1755, De Soldanis kien diġà beda jaħdem fiha u fid-dizzjunarju tiegħu, li baqgħu t-tnejn manuskritti. Dan nafuh minn ittra li De Soldanis kiteb lil Ignazio Saverio Mifsud fil-25 ta' Frar, 1755, fejn qallu li dik il-ħabta kien "impegnato a

(1) *Della Lingua Punica presentemente usata dai Maltesi, etc.* Roma, 1750.

dar fine ai dizzionari et ad una amplificazione di grammatica" (2). Ix-xogħol jidher li kien tlesta u kollox għall-istampa, imma għal xi raġuni jew oħra De Soldanis baqa' ma stampa la d-dizzjunarju u lanqas din il-grammatka miżjuda.

Id-djalogi huma miktubin bil-Malti bi traduzzjoni bit-Taljan ħdejhom. Jieħdu mill-paġna 192 sal-paġna 199 tal-Ms. li semmejna.

**Is-Siwi tad-Djalogi**

Is-siwi tagħhom qiegħed fil-fatt li (a) huma miktubin b'Malti idjomatiku għall-aħħar li nistgħu nqisuh bħala mera ta' kif kienu jitkellmu n-nies tal-poplu f'nofs is-Seklu Tmintax; (b) jixħtu dawl kbir fuq il-ħajja, ix-xogħol, is-snajja' u d-drawwiet Maltin ta' dak iż-żmien, u (ċ) juruna għidut u kliem li l-lum jew mietu jonkella nbidlu u nafuhom xort'oħra.

Fejn ikun meħtieġ, nagħti nota fuq xi karatteristiċi tad-diskors, li jistgħu jkunu jew djalettiżmi Għawdxin jonkella forom minsija, u naqleb għall-Malti n-noti li jagħti De Soldanis stess fil-manuskritt.

**L-Oriġinal**

Biex nuri aħjar b'liema ortografija nkitbu dawn id-djalogi fl-oriġinal, sa nislet hawnhekk erba' biċċiet qosra minnhom :—

"Ghaseb ghadu zaghzugh, li ma kiensc i hhob e tverna fein fiha kol tant jelghab el morra u ghatin o ghalembit, u la mi kiensc wesk drabi jaghmel leilu e nharu kieku ma jeniex nahhseb".

"El mit kaddis. Kat jentem dana e nesel, chela kol ma sap fuec l'art, ghat li dali dali ioktlu u jiechdu. el kzira taghna jek t-aghmel tajeb elkont bejn wahhda u ochra ientkatlu elf fenek koglium" (f. 194).

"Ma n-estax n-aghmel kif erit, f kol wahhda erit enkun jena, ghandi Ghaixa jek ma ennegkiezesc ma tethharreksc" (f. 195).

"Ahhna nesa li ma nestghux en gibu l'armi ikolna enbatu. Alla jaf fein ikolna n-enghalqu. el ghalqa ghalina huma e Torok. e Rgiel balla jesemghu u jarau. ahhna mghakes nesa nesemghu u ma naraux" (f. 195).

Fit-traskrizzjoni tad-djalogi jiena fittixt li kemm jista' jkun nagħti l-forma tal-kliem li l-aktar nafu l-lum, għalkemm kemm stajt qagħadt għall-oriġinal.

---

(2) R.M.L. Ms. 1, p. 333.

Qabel ma ngħaddu 'l quddiem iktar, jidhirli li aħjar ngħidu xi ħaġa fuq iż-żmenijiet li fihom De Soldanis għex u ħaseb u kiteb. Bejn wieħed u ieħor, il-ħajja tal-Kanonku Agius tinfirex fuq ftit aktar minn nofs seklu. Issa dan is-seklu kien is-Seklu Tmintax li fih il-ħajja f'Malta, bħal f'artijiet oħra, kienet imżewqa u mħawwra bil-bosta. Dik il-ħabta li De Soldanis kien qed jaħdem f'dan il-Ms., Malta u Għawdex kienu jgħoddu mal-85,000 ruħ. Dan ifisser li l-gżejjer tagħna kien fihom nies daqs erba' darbiet iktar milli kien hawn meta ġie l-Ordni fl-1530, u mat-8.000 ruħ inqas mill-għadd li ntlaħaq fl-ewwel ċensiment li għamlu l-Ingliżi fl-1807. Żieda bħal din fil-għadd tan-nies kienet saret b'inkejja tat-telf kbir li kienu ġarrbu misserijietna mill-ġlied mat-Torok sew fuq l-art kemm fuq il-baħar, u mill-imwiet bil-mard qalil u bil-pesta li kienu jżuruna ta' sikwit. Imma magħha din iż-żieda fin-nies ġiebet ukoll żieda fil-ħluq li jridu jintemgħu u jimtlew: u dan kien problema, il-għaliex, jaħdmu kemm jaħdmu, qatt ma setgħu misserijietna jaqilgħu mill-art tagħna għajxien għal iktar mit-tlieta wieħed tan-nies tagħna. Tassew li l-qmuħ u ż-żjut, kif ukoll ix-xgħir, l-inbid, il-ġobon u r-ross kienu jinġiebu minn Sqallija, imnejn kellna dritt inġibuhom bla ħlas ta' dwana. Imma dawn ma kenux jaslu dejjem fil-ħin meħtieġ u mħabba f'hekk niesna l-qodma ġie li batew il-ġuħ u nuqqas tal-biża' (3).

**Il-Maltin Kotru fis-Seklu XVIII**

Mill-art tagħna kienu jieħdu l-qamħ, il-qoton, ix-xgħir, il-kemmun, il-frott u ħwejjeġ oħra. Imma l-aqwa żewġt uċuħ kienu tal-qamħ u tal-qoton. Minn dejjem kien hekk, sa minn qabel ma ġie San Pawl fostna! Għalhekk fuq l-eqdem muniti ta' Malta naraw daqqa s-sbula u daqqa l-qotna. U għalhekk ukoll għadna sal-lum nisimgħu t-tifkira ta' dan kollu fil-għidut:

"Fidden, ja Fiddien,
Daka qamħek il-kejjiel,
Daka qotnok il-wiżżien".

(3) Ara l-istudju ta' Mons. A. Mifsud: *L'approvigionamento e l'Università di Malta nelle passate Dominazioni* fl-*Archivum Melitense*, Vol. III, N. 5, fejn tost kollox igħidilna kif misserijietna ma setgħux jorbtu fuq l-uċuħ tar-raba' tagħhom u meta ma tagħmilx xita ġie li bdew jaħsbu biex jitilqu minn Malta. "*... non pluit et tucti li seminati su suchi (secchi) in tantum quod populus intendat aufugere et se absentare ab hac insula propter penuriam et necessitatem maximam...*" (nota, faċċ. 177).

Ix-xogħol tal-qoton kien ifendi. Kien jinżara' għall-aħħar ta' Mejju u kien ikun ta' żewġ xorta: abjad u aħmar, u mbagħad kienu jaqtgħuh għal Settembru. Fiż-żmien li aħna nsemmu, l-iswieq ta' Spanja, ta' Marsilja u tal-portijiet ta' l-Adrijatiku kienu għadhom tajba, u bejn il-qoton li kienu jsiefru u dak li jinħela hawn Malta biex ilibbes in-nies kien jinbiegħ kollu u jħalli l-qligħ. Barra dan, għandna nqisu li ż-żrigħ tal-qoton kien iġib xogħol ieħor miegħu, bħal ma huwa l-insiġ bin-newl, il-ħdim tal-qlugħ għax-xwieni u bastimenti oħra u d-daqq tat-tajjar biċ-ċik u l-watar. Isimgħu kif Patri Magri għaraf jiġbor fi ftit kliem l-importanza ta' din l-industrja meta din kienet diġà qiegħda tmajna: "Din l-art immela, bil-bosta mxemmxa, tajba għall-qoton. U hekk ġara li dari l-qoton kien ilibbes fis-sajf wiċċ il-gżejjer tagħna, ilibbes in-nies u jbajjad fil-qlugħ ta' eluf ta' bastimenti. Hu mħabba fih li bosta sigar inqalgħu, ma hux biss fiż-żmien tal-gwerra ta' l-Amerika, meta l-bdiewa tilfu rashom u stħajjlu li hemma kellhom jibqgħu jagħtu fuq xulxin min jaf kemm; iżda wkoll minn bosta mijiet ta' snin qabel, minn meta xegħel il-kummerċ tal-maħluġ ma' Spanja. U hekk fis-sajf kont tara wiċċ l-art imgħotti bil-ħdura; kont tara s-sinjur liebes il-lankè (qoton aħmar) li, maħsul u mgħoddi bil-ħadida, kont taħsbu ħarir; u dana u l-qlugħ li semmejna kienu joħorġu min-nwiel taż-Żurrieq u ta' Ħaż-Żebbuġ. Issa ta' dan kollu baqgħet it-tifkira. Id-dinja raddiena, il-qoton ma jġibx..........." (4).

**Il-Qoton**

Imma s-Seklu Dsatax li hu s-seklu tal-waqgħa ta' l-industrja tal-qoton, kien għadu ma żernaqx meta De Soldanis kien iqatta' ġranet sħaħ jikteb fuq dal-gżejjer fid-dar tiegħu ġewwa l-Kastell t'Għawdex. U dik il-ħabta l-qoton kien għadu jġib u fl-aqwa tiegħu. Għax igħid, Alla ħares ma kienx hekk! Għax kieku kif setgħu misserijietna jlaħħqu mal-ħajja? Biex iħallsu l-qbiela 'l sid ir-raba'? X'jilbsu? U x'jieklu, meta n-nies qiegħda tiżdied, il-ħajja dejjem togħla u magħha jogħla l-kera? Mhux għalxejn li fit-tielet djalogu jidher dak il-qtigħ il-qalb u dak il-biża' kollu fil-bidwi li ma jafx għadx tiġih sena ħażina li fiha l-qoton ma jagħtix u hu jimtela milja dejn.'

(4) Patri Manwel Magri, S.J.: *X'Jgħid il-Malti* jew *Għerf bla Miktub tal-Maltin*, Malta, Stamperija tas-Salesjani, 1925, p. 25.

Kienu żmenijiet illi, kif ingħixu l-lum, ma kienx fihom ħajr. Taħdem kemm taħdem qatt ma taf fejn int: il-lum qiegħed ġo darek u fuq xogħolok, għada jidhru t-Torok, tmur tiġġieled u titlef jew ħajtek, jew ġidek jonkella taqa' lsir. In-nisa, imbagħad, imdejqin min-naħa l-oħra meta jkollhom iħallu darhom u jinġabru ġewwa s-swar. L-aħbarijiet mill-Belt, "fejn igħammar is-Sultan" kienu jiqdiemu sa jaslu fl-irħula jew f'Għawdex, u biex jaslu kien irid ikun xi ħadd li, bħall-Għawdxi tad-djalogu, jinqala' minn pajjiżu biex ikun jista' jieħu 'l sħabu l-aħbarijiet tal-Gżira jew tal-Potenzi barranin. Żid ma' dawn li kien hawn serq bil-bosta, li bil-lejl kont tistenna jaqbeż xi ħadd fuqek, jagħtik xebgħa swat u jħallik għall-mewt, meta ma joqtlokx għal kollox, li t-triqat bil-lejl ma kenux imdawwla ħlief, fl-ibliet, b'xi fanal 'il hawn u 'l hinn quddiem xi niċċa jew statwa, u jkollok bejn wieħed u ieħor il-faċċata s-sewda tal-ħajja f'Malta f'nofs is-Seklu Tmintax. U sa hawn naħseb li ma għaġġibhiex wisq l-Għawdxi tad-djalogu meta reġa' lura minn Malta u qal: "... dawk li dehru sinjuri qegħdin jitolbu: kollha marru fis-saħta. Min mar ilsir, min iżżewweġ, min siefer u min baqa'."

**Żmenijiet Koroh**

Imma l-ħajja għandha iktar minn wiċċ wieħed. U fost dan kollu niesna kienu jsibu ż-żmien biex imorru għall-fenek binnemes u għall-kaċċa tal-ħaġel. Kienu jaqtgħu l-morra u jilagħbu l-karti u kien hemm min kien jinsa d-dinja fix-xorb u fis-sokor. U lanqas ma kienu neqsin mid-divertimenti: kienet issir il-Kukkanja darba f'sena, nhar it-Tnejn tal-Karnival; kienu jagħmlu l-Arblu ta' Mejju fl-ewwel ta' Mejju ta' kull sena, u għalih kienu jitilgħu l-psatas tas-Suq u l-kalessieri ta' Putirjal (5). Nhar Santa Marija kienet issir tiġrija tan-nies il-Belt, minn fejn il-Vitorja sal-Pjazza, u barra dan kien hemm it-tlielaq tad-dgħajjes u tal-bhejjem, il-ġostri fuq il-baħar, il-festi u l-ispettakoli reliġjużi bħal purċissjonijiet u ċerimonji meta jġibu xi korpu sant, ngħidu aħna ta' San Kalċedonju tal-Furjana. Fost spettakoli oħra li għalihom kienu jidhru l-Gran Mastru, l-

**Divertimenti**

(5) R.M.L. Ms. 1146, Vol. 2, p. 237: "*1 Maggio 1773: Questa mattina i Bastasi della Piazza e li Calessieri di Porta Reale salirono e lo presero, ed era molto pieno...*".

Inkwiżitur jew l-Isqof insemmu l-ġinnastika tan-nies tal-kummiedja. Kienu dawn jiġu minn barra, jimxu fuq ħabel stirat u jaqsmu minn fuq il-Palazz sal-bini msejjaħ il-Konservatorja, bil-kontrapiż f'idejhom u bi flixkun inbid fuq rashom (6). Għall-Kavalieri u għall-Maltin li setgħu jifhmu, imbagħad, kien hemm it-Teatru, li għalih kienu jġibu kumpaniji minn barra, għalkemm kultant kienu jsiru kummiedji mill-Kjeriċi għall-poplu. Hekk f'Jannar tal-1755 saret il-kummiedja *Il Pazzo per Forza* il-Birgu, in-naħa tal-Ħabs ta' l-Isqof fejn kienu jsibuh bħala l-Abbatija l-Qadima (7). Ma' dawn inżidu wkoll il-laqgħat soċjali li fihom Maltin u Kavalieri kienu jiltaqgħu u jitħalltu. Għalhekk insibu li meta, f'Lulju tal-1770, tgħarras id-Delfin ta' Franza, damu tlitt ijiem sħaħ sejrin bil-festini hawn Malta u fit-tieni jum sar ballu kbir u għalih stiednu lin-nisa Maltin u l-ballu ma spiċċax qabel il-5 ta' filgħodu. Fi kliem il-kittieb ta' dak iż-żmien, "*11 Luglio, 1770: secondo giorno del festino con un ballo solenne dove intervennero le signore maltesi conversanti delli cavalieri e durò sino le ore 5 del mattino*" (8).

**Il-Fniek**

Semmejna l-kaċċa għall-fenek. Dak iż-żmien ma kenux joħorġu għall-fenek imħabba n-namra li kellhom għall-kaċċa biss. Imma meta jaqbdu jew joqtlu fenek kienu fl-istess ħin inaqqsu mill-qerda u s-saħta ta' l-uċuħ li kienu jagħmlulhom dawn il-gerriema. Iżda donnu kien ta' xejn; għax joqtlu fniek kemm joqtlu, in-nisel tiegħu ma setax jintemm. Fil-fehma tan-Naxxari fil-ħames djalogu, il-fenek kien jaħli kull ma jsib f'wiċċ l-art għad li bejn wieħed u ieħor ġo Malta kienu jinqatlu mal-elf fenek kull jum. Għalkemm dan jidher numru kbir, m'għandniex ninsew li misserijietna kienu hekk imħabbtin b'din il-biċ-

(6) Ibid., Vol. 1, p. 787: "*14 Febraio 1754: Un saltimbanco caminò su la corda con contrapeso in mano et un fiasco di vino su la testa; la corda era legata al principio della piazza de Cavaglieri sin su la terraza della Conservatoria e procacciò dalla raccolta che fece 52 scudi*".

(7) R.M.L. Ms. XI, p. 475: "*16 Gennaio 1755: Nella Vittoriosa alcuni Chierici per divertimento loro e trastullo del Popolo e Clero, rappresentano una commedia intitolata "Il Pazzo per Forza"—addestrati dalla disciplina del Sr. Vittorio Grixti, Cancelliere del S. Uffizio, e si rappresenta in un luogo vicino le carceri di Mgr. Vescovo chiamato volgarmente l'abbatia vecchia.*"

(8) R.M.L. Ms. 1146, Vol. 2, p. 44.

ċa li meta Ximenes (1773-1775), ftit snin wara l-mewt ta' De Soldanis, ipprova jpatti għall-għoli tal-ħobż billi ma jħallix min jispara għall-fenek u hekk jitma' lill-poplu l-laħam irħis, il-Maltin xegħlu u qam agħa kbir fil-pajjiż sakemm il-Gran Mastru kellu jneħħi l-bandu (9).

**In-Nisa Maltin**

Iż-żewġ djalogi fuq iż-żjara tan-nisa għandhom importanza kbira għax juruna l-ħsebijiet u l-ħajja ta' żewġ klassijiet ta' nisa Maltin. F'wieħed niltaqgħu mal-mara tal-klassi għanja u pulita, fl-ieħor mal-mara ta' ħaddiem ir-raba'. Id-divrenzja bejn dawn iż-żewġ klassijiet tidher taqta' ħafna minn bejn il-linji taż-żewġ djalogi. Mara waħda bis-seftura, jew ilsira, fid-dar; l-oħra mhux talli bla seftura, imma hija stess, u bintha, jaħdmu għad-dar: waħda tgerger għax bis-sħana ma felħetx tasal sad-dar tal-ħabiba tagħha, l-oħra fittxet isat u ħadet ix-xogħol magħha biex waqt li żżur lil ħabibitha tibqa' taħdem u ma titlifx żmien: waħda meta jeħodha l-għatx tixrob l-inġazzata tal-luminata jew tal-lewż, l-oħra, għalkemm ma naqrawhiex. għaliha l-ilma biżżejjed biex jaqta' l-għatx. Imma mbagħad, ta' nisa li huma, it-tnejn jaqblu li ma għandhomx jafdaw 'il żwieġhom u għalhekk nisimgħu 'l waħda tgħid li sa toħroġ miegħu għal dawra wara l-ikel biex ma tħallihx waħdu u l-oħra nisimgħuha tilminta li għandha salib għax ir-raġel imqareb wisq.

**Xogħol in-Nisa**

Meta l-mara tal-bidwi ħadet ix-xogħol magħha meta marret iżżur il-ħabiba tagħha. X'xogħol kien dan? Kien ix-xogħol tan-nisa li jgħodd minn żmien Żemżem: it-tajjar għar-raddiena, ix-xogħol tal-ħjata u tal-kalzetta, il-ħdim tal-brieret tat-tajjar, it-tkebbib tat-tajjar fuq l-imgħażel, u x-xogħol tal-bizzilla. Dan ix-xogħol ulied Eva f'Malta kienu jagħmluh waqt li żewġhom ikun qed jaħdem barra, fil-għalqa—kwadru li jfakkarna fil-versi Ingliżi:

"While Adam worked and Eve span
Who was then the gentleman?"

U l-ilbies? Inħallu jitkellem, għax jaf x'igħid aktar minna, lil dak il-bidwi tat-tieni djalogu li kien qed ifittex tfajla

(9) Ara A. V. Laferla: *The Story of Man in Malta*, (Malta, s.a. p. 139).

**L-Ilbies tan-Nisa**

għaż-żwieġ. Isma' x'qal: ''Mur ħudha mill-Belt!... jew inkella ġib min jaqdiha, hejjilha ż-żarbun, maktur illamtat, il-manta!'' U iktar 'il quddiem: ''Niftakar li n-nisa dari jmorru lebsin bl-għonnella bajda għal fuq, imbagħad kienu jġibuha ħadra, fl-aħħar minn nett sewda tal-Burat, dana ż-żmien jew stamina jew ħarir. Aħdem, ja raġel, biex tlibbes il-mara!''. Mela dak iż-żmien xejn inqas mil-lum il-moda tan-nisa kienet tiġi tiswa qabda flus. Imma mhux l-għonnella u l-manta biss kienu jilbsu. Nafu minn għand kittieba barranin li ġew Malta u raw b'għajnejhom, illi dik il-ħabta n-nisa tagħna kienu joħorġu barra d-dar b'wiċċhom imgħotti — bħan-nisa tal-Lvant! Nafu wkoll li l-irġiel kienu jxiddu brieret kohol u jimxu ħafjin u li mħabba f'hekk kienu jsibu ruħhom aktar ħfief biex jixxabbtu fuq ix-xwieni tal-kors. Naqraw ukoll li n-nisa tal-kampanja, bħalma għadhom sa żmienna, kienu jġorru ż-żarbun f'idejhom u jxidduh biss meta jkunu sa jidħlu l-bieb tal-Belt. In-nisa għonja, imbagħad, meta joħorġu kienu jieħdu magħhom ilsira sewda liebsa l-istess bħal sidtha, biss waħda liebsa kollox ħarir u l-oħra lbies tas-suf (10). Saħansitra dak iż-żmien inħasset hawn Malta l-moda Franċiża u għalhekk, bħalma ġara l-Ingilterra u pajjiżi oħra, in-nisa tagħna riedu jwarrbu l-ilbies Malti biex floku jilbsu lbies ieħor. Ara kemm, li hu De Soldanis, li kien kappillan tal-Kamerata, ħalla miktub fil-ġurnal tiegħu taħt il-jum 22 ta' Jannar, 1722: ''*Nel tempo presente le donne hanno lasciato l'uso del manto col pizzo e si vestono con la gonella o di seta o di cottivella (?) tanto le onorate quanto le corteggiane, e però le signore alle chiese portano il solito manto di pizilla*'' (11).

Għal ġod-dar in-nisa tal-kampanja kienu jilbsu l-geżwira, li De Soldanis ifisser hekk fid-dizzjunarju tiegħu: ''*ella è formata di lino o cotone filato dalle donne tessitrici nostre, tinto azzurro, che col bianco sembra bordato. Per quanto io sappia non conosciuta questa voce dalle donne stranee. In campagna da tutte usato, da poche nelle città di Malta*'' (12). Mill-ilbies tar-

(10) Ara l-istudju ta' Rev. C. L. Dessoulavy *Visitors to Malta from the 15th to the 18th Century* f'''The Sundial'', Vol. 3, Nos. 4-8, June, 1940, p. 106.

(11) R.M.L. Ms. 1146, Vol. 2, p. 173.

(12) R.M.L. Ms. 143, p. 112.

**U tar-Rġiel**

rġiel insemmu biss il-kapott, li l-aktar li kienu jilbsuh il-foqra biex jilqgħu l-bard tax-xitwa jew biex imorru wara xi mejjet għad-difna. *Kapott* kien l-isem kif kienu jsibuh in-nies tal-bliet, imma l-bdiewa, kif igħidilna De Soldanis, kienu jsejħulu *mantar*. Dawn u ħafna tagħrif ieħor fuq l-ilbies Malti ta' dawk iż-żmenijiet jistgħu jinġabru mill-manuskritti li ħallew warajhom il-kittieba tas-Seklu Tmintax.

X'kittieba kienu dawn, u fuqhiex kienu jiktbu? Qegħdin nitkellmu fuq żmien il-Gran Mastru Pinto, ftit qablu u ftit warajh. Kien dan l-isbaħ żmien ta' kitba għal Malta. Kien hemm Prinċep li kellu għal qalbu l-mixi 'l quddiem tal-għerf u li kien iħobb jilgħabha ta' Mecenate u jippatronizza l-arti; kien hawn kavalieri studjużi li xtaqu jafu iktar fuq Malta u fuq l-ilsien Malti li, wara li nstabu ċ-ċippi li minn fuqhom Barthelemy sensel l-alfabet Feniċju, beda jitqies bħala muftieħ għall-ilsna Orjentali.

**Il-Kitba f'Malta**

Barra dan, il-biża' tat-Torok kien naqas ħafna u l-kwiet u s-sigurtà li ġġib magħha l-paċi kienu jħajru għall-ħsieb, għall-kontemplazzjoni u għall-kitba. Għalhekk kien f'din l-atmosfera li Malta rat jixxettel għadd sabiħ ta' studjużi, reliġjużi u mhumiex, li nfexxew jiktbu fuq kemm-il suġġett għax sabu min jagħmlilhom il-qalb. Ma setax jonqos li dik il-mewġa letterarja ma tkunx influwenzata minn barra, l-aktar mill-Italja u minn Franza, għax dik il-ħabta dawn iż-żewġ artijiet kellhom l-aqwa universitajiet u kienu xerrdu l-influwenza tagħhom mhux biss fuq Malta imma saħansitra fuq pajjiżi kbar bħalma huma l-Ingilterra, il-Prussja u r-Russja. Għalhekk hawn Malta dehru f'dawk iż-żmenijiet id-dissertazzjonijiet twal fuq argumenti xjentifiċi u storiċi, id-diskorsi jew aħjar paneġierki u l-poeżiji ta' tifħir lill-Gran Mastru u lill-uffiċjali għolja ta' l-Ordni. Imma meta dan id-duħħan intrefa' u mar mar-riħ, baqa' jidher ix-xogħol ta' siwi intrinsiku li kienu ħallew il-kittieba ta' dak iż-żmien—l-interess fil-qdumijiet storiċi li minnu ħarġu kittieba bħall-Konti Ciantar u De Soldanis, it-twaqqif ta' Akkademji li l-imseħbin tagħhom kellhom ismijiet pastorali—donnu d-diwi tal-moviment ta' l-Arkadja fl-Italja; il-kittieba ta' djarji u ġurnali bħal Ign. Saverio Mifsud, li barra l-ġurnal twil tiegħu, ħalla Mss. l-ewwel 24 volum imsejħa *stromata* fil-Bibljoteka, Fra

Gaetano Reboul, De Soldanis stess, u ħuħ, kif ukoll bosta u bosta nies oħra, biex ma nsemmux il kitbiet, biċċa minnhom manuskritti, tal-Padre Pelagio minn Ħaż-Żebbuġ, li fis-seklu kien jismu Bartolomeo Mifsud, il-Ġiżwita Girolamo Manduca, it-tabib Giuseppe Demarco li ħalla kwadru ta' l-epidemjoloġija f'Malta ma' tul għadd ta' snin, Michel Angelo Grima, li kiteb fuq l-anatomija u għen fl-iżvilupp tal-kirurġija, u terġa' De Soldanis għall-istudju tal-Malti.

**It-Tagħlim**

Ngħaddu issa għal dehra oħra tal-ħajja — it-tagħlim. Ma noqogħdux insemmu fuq dawk li riedu jidħlu f'xi waħda mill-professjonijiet jew f'xi kunvent, għax dawn kellhom fejn jitgħallmu u min igħallimhom. Għall-iskop tagħna nieħdu l-poplu kollu f'daqqa u nsibu li kien għadu nieqes wisq mit-tagħlim. Il-ħtija ta' dan kienet aktarx li s-snajja' u x-xogħol ta' misserijietna ma kenux jeħtieġu tagħlim wisq. Il-biedja u s-sajd, is-servizz fid-Dejma, fil-għases, u fuq ix-xwieni, ix-xogħol ta' l-imtieħen, ta' l-insiġ, tal-ġebel u tas-snajja' l-oħra li kellhom kull waħda l-konslijiet tagħhom, ma kontx trid tkun għaref wisq biex tagħmilhom, u x'aktarx li kienu jintirtu mill-missier għall-iben. Imma b'dana kollu min ried u seta' jħallas kien igħallem 'l uliedu u b'surmastrijiet kien iġibilhom l-aħjar nies li kellna Malta. U dan ma kienx igħodd biss għas-subien, imma għall-bniet ukoll. Ara x'naqraw fil-ġurnal ta' Ign. Saverio Mifsud fuq Marija Tereża, bint il-Konti Navarra, li wara kienet ħarbet minn Malta mas-surmast tagħha tal-Matematika: "*La Maria Teresa di gran spirito fù dal padre molto amata e la fece allevare con la coltura delle lettere; e già sapeva bene leggere e scrivere in Italiano, Spagnuolo, Latino e Francese; s'imparò la Musica, e sonava e cantava per eccellenza; s'imparò un poco di filosofia e belle lettere ed era erudita a maggiore segno, oltre il ballo, e giornalmente era applicata nella lettura di buoni libri e da poco tempo s'invogliò di studiare la matematica*" (13). Imma mhux b'daqshekk għandna nifhmu li l-klassi pulita kollha kienet edukata bħat-tifla tal-Konti Navarra. Bil-maqlub, mill-manuskritti ta' dak iż-żmien naraw kemm kienu neqsin mit-tagħlim. U mhux is-sekulari biss: il-qassisin ma kenux xorta

(13) R.M.L. Ms. XI, p. 415.

oħra. De Soldanis ħallielna kwadru tajjeb tat-tifel li kien jilħaq qassis wara li jkun tgħallem fl-iskejjel tal-grammatka u wriena wkoll il-frugħa tan-nisa ta' l-ibliet li, daqs kemm ħassru l-kliem Malti fit-taħdit, spiċċaw biex, bħalma naraw il-lum fost xi nies taparsi puliti li minn għalihom jitkellmu bl-Ingliż, la kienu jafu jitkellmu tajjeb bil-Malti u lanqas bit-Taljan. Nisimgħu x'kiteb il-Kanonku Għawdxi f'dan l-istess manuskritt: *"Parlando della lingua maltese, non intendo di far menzione di quella usata da certi uomini e da certe donne Vallettane, poichè questi, avvezzi ad ascoltare il parlare italiano e siciliano ed altro idioma dalli forastieri...... anno fatto perdere la vera e materna lingua, e la naturale e dilettevole sua pronunzia. Corre gran pericolo che in avvenire andarà alla peggio in loro bocca, perchè si gloriano, particolarmente le moderne femmine, per non dire ancora gli uomini effeminati di italianizzare il parlar maltese; così lo impastardiscono, lo corrompono e finalmente non sapranno mai ben parlare nella materna, ch'è la volgare, nemmeno nell'italiana, ch'è la commune"*. U iktar 'il quddiem jitkellem fuq il-Kleru u jgħid: *"Che ne diviene da questo? Appunto quello che non si aspetta, quello che non si brama da chi governa e regge le redini del Clero, perchè da ragazzi divenuti uomini ecclesiastici, sacerdoti, perchè avranno consummato il tempo nell'imparare mediocremente, per non dire malamente, la lingua latina, e peggio la disusata italiana, e dopo il consumo della loro più florida e verdeggiante età, certuni spiegheranno qualche cosa del Breviario, del Catechismo e del Concilio colla lingua materna, o coll'italiana che non capiscono, a memoria ed all'indovino ogni cosa. Che si dia a questi altro libro latino, altro libro Italiano, una lettera famigliare, certamente che subito in un palmo di acqua, e meno, ritroveranno delle difficoltà di entrarvi nel mare a dare la spiegazione. Che scrivano questi in Italiano qualche fatto, o qualche lettera? No! come si vuol scrivere con una lingua che non si capisce e non parlasi?"* (14). U jekk hawn min jaħseb li De Soldanis kiteb hekk għax kien jaqbillu, għax kien rasu sħuna fuq il-Malti, nisimgħu mmorru fuq manuskritt ieħor miktub mhux minn wieħed Malti, imma minn wieħed Abati Boccadifuoco, Palermitan, fejn naqraw kitba satirika fuq in-nisa Maltin, imnissla mill-għadd ta' kliem imħassar li bih kienu jin-

(14) R.M.L. Ms. 144, pp. 156-158.

qdew in-nisa waqt li minn għalihom kienu jitħaddtu bit-Taljan (15).

Din il-biċċa twassalna għall-qagħda tal-Kleru f'Malta. Minn dejjem il-qassisin u r-reliġjużi l-oħra ħadmu biex isemmgħu l-kelma t'Alla fost in-nies ta' dawn il-gżejjer u minn dejjem inqdew bil-Malti biex fissru lill-wemmiena l-ġmiel tal-Fidi u t-tagħlim tal-Knisja. Imma qatt daqs daż-żmien li qed insemmu ma nsibu għadd ta' predikaturi tajba li l-kelma tagħhom kienet tiġbed in-nies kull fejn imorru. Issa dan kollu kien ġej mill-ħsieb sabiħ li kellu l-Kanonku Borg fl-ewwel snin tas-seklu, meta fetaħ oratorju biex fih il-kjeriċi Maltin jitgħallmu s-sengħa ta' l-oratorja (16). Fost il-qassisin u l-patrijiet li l-iktar issemmew, sew bħala predikaturi bil-Malti kemm ukoll bit-Taljan, insibu l-Kanonku D. Pasquale Grima, Arċipriet ta' San Pawl, D. Fr. Wzzino, li kien konfessur ta' l-Isqof Alferan u kiteb l-ewwel Duttrina bil-Malti fl-1752, il-qassis G. B. Falzon, il-Patri Pelagio minn Ħaż-Żebbuġ, D. Paolo Grima, Ign. Saverio Mifsud, De Soldanis innifsu u l-Patri Dumnikan Ardito, li Mifsud fil-ġurnal tiegħu jsejjaħ "*predicator acclamatissimo in lingua maltese a tal segno che quando predicava vi concorreva un popolo incredibile di uomini e donne; e però veniva spesso chiamato nei migliori pulpiti*" (17).

**Il-Kleru**

Tassew li, bħalma qal De Soldanis, dawn il-predikaturi qatt ma taw każ kif kienu jiktbu l-Malti tagħhom, kif lanqas ma ħasbu biex jinqraw u jintrefgħu l-priedki tagħhom minn ta' wrajhom. Imma b'danakollu dak iż-żmien issawwar l-istil retoriku, imħeġġeġ u qawwi, għalkemm il-ħsieb mhux profond,

**Il-Malti u l-Kleru**

(15) R.M.L. Ms. 1, p. 19. L-isem ta' dil-kitba huwa: *Intermezzo in cui la forza consiste nella maniera con la quale si discorre in lingua italiana corrotta, composto dall'abate Boccadifuoco Palermitano, il quale portatosi in Malta per essere ricevuto Fra Cappellano Conventuale ed osservata la maniera con la quale parlano corrottamente le donne maltesi in italiano, compose il presente intermezzo che restò molto accetto, e di gusto universale.* Fost oħrajn naqraw kliem bħal dan, bejn sinjura u seftura: "Tu non senti? Ara min"; "Cui vinni il furastier mirħbabih"; "Mustra lu musbieħ" jew din l-oħra: "Mi farò di li gridati: gioia, qalbi, imxi mur"

(16) R.M.L., Ms. XI, p. 474.

(17) Ibid, p. 659.

li baqa' nieżel mas-snin sa dawn iż-żmenijiet tagħna. Għal raġunijiet oħra nsibu li l-Kleru Malti dik il-ħabta beda jagħraf il-ħtieġa tal-Malti biex iħares lilu nnifsu u ma jħallix iktar li l-aħjar karigi tal-Knisja jeħduhom il-barranin. Għalhekk kemm-il darba qamu u ħaqquha biex ma jiġux nominati Kappillani tal-Kattidral li ma jkunux jafu bil-Malti, u fl-1555 il-Kunsill Popolari laqa' 'l Baldassare Cagliares bħala Isqof sewwa sew għax kien jaf bil-Malti, waqt li żmien wara l-Kanoniċi u l-Kleru Malti ma qagħdux għan-neputi ta' l-Isqof Cocco Palmieri bħala Vikarju ta' Malta għax ma kienx jaf bil-Malti (18). Dan jurina li ma kenitx ħaġa ġdida meta, f'April tal-1770, l-Isqof magħżul, Pellerano, mar iżur il-Kapitlu fil-Kattidral ta' l-Imdina, u l-Kanonċi talbuh biex ma' tul iċ-ċerimonja jitħaddtu bil-Malti, u hekk sar. Mill-Kattidral Pellerano baqa' sejjer għand is-sorijiet ta' San Pietru u dawn ukoll riedu li l-kliem isir bil-Malti (19).

**Imġiba ta' xi Reliġjużi**

Mela kollox ma' kollox il-Kleru baqa' jmexxi sewwa l-merħla ta' Kristu fit-triq ta' l-Imgħallem. U mhux biss, imma, kif kellu jiġri wara, il-Kleru mexxa wkoll lill-poplu fit-taqbida għall-ħelsien meta kien meħtieġ. Mhux b'daqshekk ma kienx hemm reliġjużi li taw fil-għajn għan-nuqqas ta' ubbidjenza tagħhom. Naqraw li darba minnhom ħarġet ordni biex ma jitħallewx il-patrijiet joħorġu iktar weħidhom imma tnejn tnejn, u jitbiddlu ta' sikwit, u din l-ordni għoġbitu wisq lill-poplu "*perchè per l'addietro erano i detti molto deviati dall'osservanza, uscendo soli in qualunque ora, di buon mattino, mezzo giorno, sino la Ave Maria, pernottare in casa dei parenti, entrare in qualunque casa, osteria e botteghe*" (20). Imma dawn kienu każi li ma jiġ-

(18) Ara Mons. A. Mifsud: *Ricordi del Passato* f'*Archivum Melitense*, Vol. 3, Nos. 3-4, p. 109.

(19) R.M.L. Ms. 1146, Vol. 2, p. 13: "*17 Aprile 1770: Il Vescovo-eletto si portò nella Catedrale a render la visita al Caplo. e Lo condussero alla Chiesa al adorazione del Smo., e di poi alla sala Capitulare. e chiesero i Canonici al Vescovo di parlare in Maltese in tutta questa cerimonia e così si è fatto, e servitolo con tre passati di frutta gelati e tre passati di mantecati... Finito questo si portò dalle Rde. Monache di S. Pietro, parimenti gli fecero istanza che parlassero in lingua Maltese, e gli donarono un bel bocchetto.*"

(20) R.M.L. Ms. XI, p. 421.

rux kuljum, u għandna għax nifhmu li l-biċċa l-kbira tal-Kleru li kien jinzerta l-Belt kienu jidħlu mhux fil-ħwienet u t-tvieren fejn kien jidħol kulħadd, imma f'dik il-lukanda li kien hemm fi Strada Stretta, ftit 'il bogħod mill-kantuniera "Tal-Fama" (Triq Irjali ma' Triq l-Isqof), miżmuma minn wieħed Vella mlaqqam "Sarguna", fejn il-qassisin tar-rħula kienu jpoġġu meta jkunu l-Belt. "... *e la sua taverna era accreditata con gran concorso precisamente dalli preti di campagna quali ivi si ritiravano venendo per un giorno in città*" (21).

Minn dawn l-elementi, u minn oħrajn li ma daħlux f'dan l-istudju, kienet imsawwra l-ħajja f'nofs is-Seklu Tmintax. Dehrilna li kellna niktbu dan kollu u nisiltu bċejjeċ minn ġurnali u djarji ta' dak iż-żmien biex ninqdew aħjar b'nies li raw b'għajnejhom u għexu huma nfishom il-ħajja ta' dak iż-żmien. Jekk xi ftit minn dak li għedna jidher li mhux għal kollox ġdid għax xi ftit minnu għadna narawh u nisimgħuh il-lum, jeħtieġ niftakru li d-drawwiet qodma jdumu l-mijiet tas-snin biex imutu għal kollox, li fis-Seklu Tmintax il-ħajja bdiet tieħu sura ġdida u ssir aktar ċivilizzata u għalhekk iktar komplikata u mħabbla kif għadha sal-lum. U biex napprezzaw sewwa dak li sa naqraw jeħtieġ nerġgħu lura, għal ħin wieħed, f'nofs is-Seklu Tmintax, naraw bil-għajnejn u nisimgħu bil-widnejn ta' misserijietna l-qodma. Jekk nagħmlu dan, inkunu nistgħu nisimgħu t-taħbit tal-ħajja ta' mitejn sena ilu, u nidħlu fl-ispirtu taż-żmien li huwa n-nifs u l-ħajja ta' kull kitba.

(21) Ibid., p. 656.

# Id-Djalogi

## I.—DJALOGU BEJN ŻEWĠ BDIEWA FUQ L-AHBARIJIET (*)

M. Saħħa, xbini, mnejn ġej b'dil-għaġla?

T. Alla jagħtihielna. Ġej minn Malta dalwaqt (1).

M. Għalhekk int fuq qaddek?

T. X'tarali iżjed minn nies?

M. Intant x'jingħad minn ġdid fl-art l-oħra?

T. Kull min għandu jiswielu, min ma għandu xejn jista' jsaqqi l-ħass. Domt erbgħa u għoxrin siegħa ikla waħda għamilt: swietli fuq il-patakka (2).

M. Min imur f'dar in-nies dejjem imur minn taħt. Inti jaqaw ma kontx tafu?

T. Mingħajr bżonn ma kontx nitħarrek minn dari.

M. Għidli xi smajt, għar-ruħek, għaliex aħna hawn qatt ma nisimgħu xejn.

T. Ilmaħt is-Sultan (3) donnu warda tiftaħ. Rajt is-Sultana (4) u makbar u mesbaħ ma hi (5) ma tħalli ħasra, għaliex

---

I.

(*) Fid-djalogi I-V l-ittri *M* u *T* qegħdin għall-kelmiet *Mistoqsija* u *Tweġiba*. Fl-oriġinal l-ittri huma *D* u *R*, i.e. *Domanda* u *Risposta*.

(1) *Dalwaqt*: (flok *dan il-waqt*). Issa issa. Aktarx li biha l-lum infissru *minn hawn u ftit ieħor*. Qabbel il-kelma Ingliża *presently* li għandha t-tifsira ewlenija "now, at once, immediately" imma biż-żmien inbidlet u saret "soon, before long".

(2) *patakka*: Biċċa munita qadima li kienet tiswa erbgħa rbgħajja. Sa qabel il-gwerra, tal-ħaxix u tal-ħut kienu għadhom jixtru l-biegħa tagħhom u jgħoddu bil-ħbub u l-patakki għalkemm imbagħad kienu jbiegħu lill-pubbliku bis-soldi u bix-xelini. "Patakku" għadek tisimgħu bħala laqam.

(3) *Sultan*: Il-Gran Mastru. Hekk kienu jsibuh il-Maltin fi żmien l-Ordni. Qb. frażijiet bħal *fejn igħammar is-Sultan* i.e. il-Belt, *Bieb is-Sultan*, *Ġnien is-Sultan*, *il-ħabba tas-Sultan* u oħrajn. Hawnhekk qed igħid għall-Gran Mastru Pinto.

(4) *sultana*: Hawnhekk tfisser ix-xini sultana li kienet għadha kif waslet Malta. De Soldanis ifissirha "nave corona Ottomana". Qisha dik li l-Ingliżi jsejħu "flagship".

(5) *makbar u mesbaħ ma hi*: Aktar ma hi kbira u sabiħa. Forma mibnija mill-pronom indefinit *ma* u r-raba' sura tal-verbi *kiber* u *sebaħ* li l-lum hija mejta fil-Malti. Ta' l-istess għamla huma xi kelmiet oħra bħal *maqwieħa* li De Soldanis stess jagħti fid-dizzjunarju manuskritt (p. 30) u *mogħlih*, li jiena ġbart f'talba qadima minn Għawdex fejn hemm il-vers *għal makbru u għal mogħlih*.

jingħad li tarġa' mnejn ġiet. Is-Sultan ta' Franza bi flusu jeħodha u jroddha lil sidha(6). Min ħa x'ħa? Wara l-ferħ nismagħhom igħidu li jiġi l-biki. Kemm dmija, kemm ġid, kemm nies? Kollox mar f'ħakka ta' għajn! Dawk li dehru sinjuri, qegħdin jitolbu; kollha marru fis-saħta. Min mar ilsir, min iżżewweġ, min siefer u min baqa'.

M. Essa għalfejn tiġbdilha?

T. Għad-dar li hi fin-Nadur.

M. X'ġibt lil martek u 'l uliedek?

T. U la mara u la wlied għandi. Qiegħed ma' ommi għaġuża(7). Jiena f'Malta xi wieħed ried joħtobli. 'Ma nibża' min-nisa Maltin: jidhru sbieħ minn barra, għakar minn ġewwa. Aħjar ġild minn tagħna li nafuh minn ħamsin baqra Maltija.

## II.—IL-BIDWI GHAŻ-ŻWIEĠ

M. Ma baqa' żmien ta' xejn. Żwieġ xewk! In-nisa jridu huma jamru(1) b'fehmiethom, iħarsu lejn żwiegħhom meta jridu minnhom.

T. Jekk niżżewweġ minħabba f'ommi għaliex saret ħafna u għakka(2). Għaġla la qatt kelli u la għandi. Hatbuni wisq. Qatt ma tajt widen! X'naf neħilx fl-aħħar xi weħla mingħajr ħsieb? Nismagħhom igħidu li qabel ma jingħaqad iż-żwieġ f'dina d-dinja jkun magħmul fis-Sema erbgħin ġurnata qabel. Kieku

---

(6) *jeħodha u jroddha lil sidha*: Qed igħid għall-ġrajja li fuqha G. A. Vassallo bena l-poema epiku tiegħu "Il-Ġifen Tork". Fl-1760, waqt li hawn Malta kienu qed jifirħu bit-twelid ta' Ferdinandu fuq it-tron ta' Sqallija, deher bastiment barra l-Port. Kien jismu *La Corona del Gran Signore*, u kienu ġebuħ Malta l-irsiera Insara ta' fuqu li qamu għat-Torok u qatluhom fejn il-gżira ta' Stanchiò. L-Ordni laqagħhom bil-ferħ imma s-Sultan Tork hedded li sa jiġi jaħbat għal Malta u hawnhekk indaħlet Franza biex issewwi l-biċċa u wegħdet lit-Tork f'isem il-Gran Mastru li l-bastiment kellhom ireġġgħuh lura. U hekk sar; u meta l-Kavalieri, taħt skorta ta' frejgata Franċiża, wettqu l-wegħda tagħhom, kienu milqugħin tajjeb ħafna f'art it-Torok. (Cf. Laferla: *Man in Malta*, p. 133).

7) *għaġuża*: Mara xiħa. Kelma li għadna ngħidu fil-qawl: *Għalhekk il-għaġuża ma tridx tmut, għax iktar ma tikber iktar titgħallem.* Nisimgħuha wkoll meta lit-tfal, l-iktar fir-rħula, ingħidulhom li f'nofs ir-Randan jixħtu l-għaġuża minn fuq il-bejt tal-Knisja.

**II.**

(1) *jamru*: jordnaw, jikkmandaw.

(2) *għakka*: xiħa ħafna.

ma rridhiex la żagħżugħa u la kbira, la sabiħa u la kerha, għaliex ma kekux irrid noqgħod inħarisha, nixtieq ingħammar kif Alla jrid. Mur ħudha mill-Belt u għid li hi tiegħek martek! Jew inkella ġib min jaqdiha, hejjilha ż-żarbun, maktur lamtat. il-manta(3). F'kelma waħda, irridha tiegħi waħdi, mhux tiegħi u ta' Suq: irridha tiegħi mhux jien tagħha. Ma jiniex żagħżugħ iżjed, sirt bis-snin u ekemm(4) ix-xagħar ma bediex jixhieb.

M. Alla jagħtik xorti tajba, u li ssib mara għal qalbek, għaliex wisq nara li ż-żmien tbiddel. Niftakar li n-nisa dari jmorru lebsin bl-għonnella bajda għal fuq, imbagħad kienu jġibuha ħadra, fl-aħħar minn nett sewda tal-Burat(5), dana ż-żmien jew stamina jew ħarir. Aħdem, ja raġel, biex tlibbes il-mara!

T. U għalhekk il-għaks kullimkien.. Alla jhennik!

III.—BEJN ŻEWĠ BDIEWA FUQ IX-XOGHOL TAL-QOTON

M. Mnejn ġej?

T. Mir-raba' tiegħi.

M. Kif imur il-qoton tiegħek?

T. Għad ma bdejtx indomm (1). Donnu sabiħ. Il-ġewż imtela. Ma niddawwarx ma nibda ndomm.

M. Dina s-sena kulħadd jista' jiżżiħajr 'l Alla u jiftaħar bih.

T. Kellna bżonn, għaliex bih jaħtieġ inħallsu lil sid irraba', nilbsu u nieklu. Kemm ġid iġib dal-qoton lin-nies! Dari

---

(3) *manta*: Inħallu 'l De Soldanis innifsu jfisser dil-manta x'kienet: "*Oggi indica solamente una veste di donna maltese sempre nera e di seta con cui si cuopre da capo a piè benchè dalla stessa involta copre poco più di mezzavita. Non v'ha donna civile nelle città nostre che non usa il manto osia Manta...*" (Ms. 143 ,p. 344). M'hemmx divrenzja kbira bejn il-Manta u l-Mant li ngħidu fuqu iktar 'il quddiem.

(4) *ekemm*: Forma djalettali minn *għalkemm* bit-tifsira ta' "biex ma ngħidx, bil-kemm, għal ftit". Għadha tingħad fir-rħula imma ma tinsabx fid-dizzjunarji.

(5) *Burat*: Xorta ta' drapp tas-suf. Qb. it-Taljan *buratto* li tfisser "tessuto rado di crine con cui si montano stacci, passatoie, ecc." u "sorta di stoffa rada e trasparente" (Zingarelli).

III.

(1) *indomm*: Fix-xogħol tal-qoton *iddomm* jiġifieri toħroġ il-qoton biż-żerriegħa b'kollox mill-fosdqa jew ħliefa.

jinżara' dak li sarsar (2), il-lum jitbejjet (3), kull art tagħmlu u ma jintilifx xiber art. Il-għaġeb kif f'sebgħajn art imqaxxra jitla' tlitt ixbar u jagħmel il-ġewż. Hadd ma jaf sewwa kemm ġid tagħmel l-art tagħna. Ftit trab fiha, ma dik li fiha ġġib ġid wisq. Min kien jista' jaraha mitt sena ilu, dak iż-żmien kollha blat, il-lum kollha moksura (4) imsewwija u mdemna (5). Kull ġid wieħed jieħu minnha. Qatt jaqaw tibqa' mistrieħa? F'sena waħda xi drabi fejn hemm ilma hija tagħmel tliet btan. Kif ma tridx li xi raba' jagħmel? Minn hawn ġej li l-qbiela tant għaliet u ssemmen lil sidhom. Min kellu fi żmien ħamsin skud talqbiela l-lum għandu bl-anqas mitejn. In-nies kotrot, il-ħwejjeġ tal-lbies u ta' l-ikel għolew u aqqal sar il-kera. Hniena t'Alla li nistgħu ngħixu bi ħwejjiġna, u li l-art tagħti kemm nieklu s-sena kollha!

M. Tabilħaqq, għax is-Suq bil-ħxejjex u frott mimli s-sena kollha.

T. Din hija barkat Alla.

### IV.—FUQ IŻ-ŻWIEĠ TA' TIFEL BIDWI

M. Ġejt għandek, xbini! Għandi nkellmek jekk ma intix mexgħul (1).

T. Għaddi u merħba bik u oqgħod.

M. Kif tmur il-mgħallma (2).

T. Emminni konna ġejjin flimkien: li konna nafu li nsib battal (3) kieku ġejna.

---

(2) *sarsar*: Skond il-qlib bit-Taljan li ta De Soldanis fil-Ms., dil-kelma tfisser dak il-qoton li jinbet, *"quel solo che vi nasceva"*.

(3) *jitbejjet*: jinżara' f'ħofor fit-trab li jissejħu *bejtiet*.

(4) *moksura*: Hekk hemm fl-oriġinal. Jinkiteb u jingħad aktar *miksura*.

(5) *mdemmna*: Fl-oriġinal hemm *mdemna* imma jidher li trid tiġi *imdemmla*. De Soldanis kiteb sew kif semagħha, u Għawdex għadha sal-lum l-*l* tinbidel f'*n*, eż. *mena*! flok *mela*!

**IV.**

(1) *mexgħul*: imħabbat bix-xogħol, okkupat. P.P., li għadu jinstema' f'xi rħula t'Għawdex, minn *xagħal*, il-lum mejjet fil-Malti. Nisimgħu iktar *imxiegħel*, mit-tielet sura mnissla *xiegħel*, bħal *imġiegħel* minn *ġiegħel*.

(2) *il-mgħallma* Jingħad aktar *l-imgħallma*. Tfisser *martek*.

(3) *battâl*: m'għandekx x'tagħmel, bla xogħol. Mill-istess għerq għad fadlilna *bâtal* fit-tagħlim tad-Duttrina: "La ssemmix l-isem t'Alla fil-*bâtal*", u *btajjel*, pl. ta' *btâla*, fil-Preċetti tal-Knisja: "Isma' l-Quddies fil-Ħdud u l-*btajjel* kollha."

M. Darb'oħra ġibha miegħek; u t-tfal k.f imorru?

T. Tajbin; huma l-ħtija li jiena ġejt. Għandi Kuzza (4) li tfarfret qiegħed naħseb għaliha biex inżewwiġha. Xejn ma naf 'il min noħdilha. Hija donnha ħarufa fid-dar, bieżla kemm għaxra; ma l-frott la jsir trid taqtgħu. Qawwija bħal baqra.

T. Jien nafha, donnha tebqa ta' warda! Lil min trid toħdilha? Min ħatabhielek?

M. Ingħidlek is-sewwa qatigħ ħatbuha. Jiena kif rasi marfugħa biha ma kekux irrid nagħti l-widen; seħebti donnha raddiena tiżżonżonjani (5) biex inżewwiġha, għaliex hemm l-oħrajn għadhom ġejjin u kull jum qegħdin jaqbżu. F'min naqbad ma nafx. Ħatab wieħed Malti, ieħor minn hawn. Ara ftit xi tgħidli?

T. X'jagħmlu dawn il-għożżieb?

M. Il-Malti jgħidulek li hu fuq qaddu. X'naf hux minn dawk li minn ħanut jidħol u mn'ieħor joħroġ! Il-lum l-inbid u l-logħob tal-karti kulħadd jafhom. Ma ridtx kieku li teħel la ma' lagħab u la ma' xi xarrâb għaliex ħwejġi jmorru fil-ħala. Dak ta' hawn imbagħad int u jiena nafuh. Għażeb għadu żagħżugħ; li ma kienx iħobb it-tverna, fejn fiha kull tant jilgħab il-morra o għat-tin o għall-inbid (6), u li ma kienx wisq drabi jagħmel lejlu u nharu (7) kieku ma jiniex naħseb.

T. U għidli l-lum fejn issibu dak il-għażeb mingħajr imma? Aħna konna bħalu u żgħażagħ, u għożżieb għalhekk bqajna. Għażeb jaħseb t'għażeb, miżżewweġ ta' miżżewweġ. Ġej minn nies li tiswa, għandu l-ġid u għandu l-ħila. Usalna fi żmien li ma hemmx fejn tiħtar. Iż-żwieġ bħall-qara' twil, waħda twila u oħra mgħawġa; u bħall-ħjar waħda ħelwa u oħra morra. Mur rodd is-salib għal wiċċek, għid 'il seħebtek, sejjaħ il-ħuttab u fittex orbot qabel ma jdejjaq qalbu u jmur jagħti l-

(4) *Kuzza*: Isem ta' tifla, vezzeġġjativ ta' Domenicuzza.

(5) *tiżżonżonjani*: tħeġġiġni, tirtlobni bla hedu. Verb denominativ minn *żunżân*, mibni fuq it-tifsila tal-verbi mdaħħlin fil-Malti mill-Isqalli jew mill-Ingliż, e.g., *iffanfarunja*, *skiddja*, *irreffja*.

(6) *o ... o*: Mhix frażi Maltija. Aħjar *jew ... jew*.

(7) *jagħmel lejlu u nharu*: Skond De Soldanis tfisser jgħaddi l-lejl kollu fid-divertiment, *perdeva le notti intere al divertimento*.

maktur u l-ħatem (8) x'imkien ieħor u tibqa' bħal xemx f'nofs in-nhar.

M. Ma kekux tgħid ħażin; 'ma qabel San Ġwann li ndaħħal it-tagħam u nsemmen il-majjal il-mara ma tħallinix għaliex trid tħejjilha l-meħba (9). Għandna raġun ma nifirħux bil-bniet meta jsiru (10) bħal bis-subien. Sejra taħlini u tneżża' dari.

T. Kellek taħseb qabel. Martna (11) ma għamlux hekk? Hekk jagħmlulna wliedna.

M. Meta, ħaqq dini, nkunu żgħażagħ bħal żgħażagħ naħsbuha! Alla jħennik!

V.—BEJN KAĊĊATUR U BIDWI

M. O xbini, għal fejn tiġbdilha?

T. Għal raħli.

M. Fejn int imnissel?

T. Min-Naxxar.

M. Ħsibtu minn kliemek.

T. Hej, mhux ta' ftit. Int għal fejn b'dawn il-klieb u b'dawn in-nies?

M. Sejjer għall-fenek, u għandi n-nemes biex inemmishom.

T. Ġejt f'waqt tajjeb, issa smajt li għadda wieħed bħalek kaċċatur li ħa fuq il-ħamsin. Mur in-naħa ta' Qbar il-Lhud, iġbed għall-Mellieħa u għat-Torri l-Aħmar li ssib.

M. Tgħid ħalla xejn urajh?

T. Il-mitt qaddis! Qatt jinfemm dan in-nisel! Hela kull

(8) *tagħti l-maktur u l-ħatem*: Żewġ drawwiet qodma fiż-żweġijiet Maltin. Malli l-għarajjes *jagħtu l-maktur* kienu jitqiesu "marbutin". Wara li jagħtu l-kelma l-għarus kien jibgħat lill-għarusa l-ewwel rigal u dan kien ikun żewġ ħutiet marbutin b'żagarella u ċurkett (ħatem) f'ħalq waħda minnhom b'sinjal ta' fedeltà.

(9) *meħba*: De Soldanis ifissirha *il bisognevole per lo sposalizio*. Rigal li, min-naħa tal-għarusa, kien ikun maktur bil-bizzilla lill-għarus u qmis irrakkmata lil kull wieħed minn niesu. Nies il-għarus imbagħad kienu jagħtu ġiżirani, pużati, manilji u djamanti. Din il-kelma hi forma irregolari ta' nom mimmat mill-verb moħfi *hieb*, li missu jagħmel *mħiba*. Preca jgħidilna li l-plural ta' *mħiba* huwa *meħbiet* (*Malta Cananea*, p. 347).

(10) *isiru*: jitwieldu. Kelma li għadha tingħad ħafna Għawdex.

(11) *martna*: In-nisa tagħna. Kelma li ma tingħadx wisq.

ma sab f'wiċċ l-art, għad li dali dali (1) joqtlu u jieħdu. Il-gżira tagħna, jekk tagħmel tajjeb il-kont, bejn waħda u oħra jintqatlu elf fenek kuljum. Ma tmurx għal-liebri u għall-ħaġel? Dak ikel!

M. Li kienu jinqabdu dawna kieku nħlew minn din l-art. Tridx tixrob? Ixrob mingħajr ilma, tridx il-qargħa (2)?

T. Alla jagħtina s-saħħa. Ma ridtx iżjed għaliex iħawwadli moħħi.

M. Insibux ilma għax-xorb dik in-naħa?

T. Aqla' x'tiekol. X'tixrob issib, u nixxigħat li jisquk.

M. Hemmx kaċċaturi oħra qabli?

T. U għax hemm tibża' li ma ssibx? Mur, mur. U jekk int u għaddej tħallili xi wieħed, af li naf nieklu

M. Għaliex le? Mur bis-sliema.

### VI.—KUMPLEMENTI BEJN IN-NISA PULITI META JAGĦMLU ŻJARA (*)

V. Saħħa s-sinjurija tiegħek.

P. Saħħa lilek, sinjura, merħba bik u bil min għandek. Fatma (1), ħudilha l-mant (2) u l-għonnella.

Fatma: Dalwaqt, sinjura. Ejja, sinjura sidti, agħti f'idejja l-mant, jiena nitwieh. Ġib hawn l-għonnella (3) nerfagħha mal-mant.

V. Issa naf fejn jiena, għereqt wisq sa ma wsalt, għaliex

---

**V.**

(1) *dali dali*: dlonk, ta' sikwit ħafna, il-ħin kollu.

(2) *qargħa*: għamla ta' qargħa jgħidulha "tal-fliexken" jew "tal-għaniq", biex fiha tqiegħed inbid, ilma, ecc., għax-xorb. Kienu jeħduha magħhom fl-egħlieqi jew meta joħorġu. Qisu l-*water bottle* tal-lum. Hawnhekk kienet mimlija bl-inbid.

**VI.**

(*) Fid-djalogi VI-VIII l-ittri *V* u *P* ħallejthom bħal ma kienu fl-oriġinal u qegħdin għall-kelmiet *Visitatore* u *Padrone*.

(1) *Fatma*: isem ta' lsira.

(2) *mant*: Naqraw x'kiteb De Soldanis fin-nota li ħalla fuq dil-kelma: "Questo è un abito da donna singolare nel mondo. Tutto di seta nera prende tutta la vita da capo appiè fuorchè la parte anteriore, alzato da due fianchi e sostenuto dalle braccia posando le mani sulla pancia".

(3) *għonnella*: Nerġgħu ninqdew bi kliem il-Kanonku Għawdxi: "abito maltese donnesco. Usano le signore donne maltesi di portar questa veste nera per uniformarla al manto, e nelle visite sempre si leva via col manto".

barra hemma l-għomma wisq (4). Emminni ma flaħtx nasal (5).

P. Nemmnek għax aħna hawn maħruqin bix-xemx u l-għomma ma tonqosniex. Strieħ, hemm is-siġġijiet, oqgħod, ħalli nistgħallek ftit.

V. Naf ingħidlek li jien għandi bżonn.

P. Hu l-ieħor għax dak għali għalik.

V. Kif trid, ħdejk noqgħod b'riħet hekk.

P. Ma nistax nagħmel kif irrid, f'kull waħda rrid inkun jiena, għandi Għajxa (6) jekk ma nniggiżhiex ma titħarrekx.

V. Xejn ma nistagħġeb, għax tiegħi agħar minnha.

P. Hu l-inġazzata u ixrobha.

V. Ma nħobbx ta' limunata, nieħu minn tal-lewż.

P. Xinhu li jingħad barra mill-ġdid?

V. Dana ż-żmien in-nies ma jitkellmux ħlief fuq il-miġja tat-Torok.

P. Tgħid dal-vjeġġ jew dina d-darba jiġu? Ma nistax nemmien qatt li jiġu. Stambur wisq bgħid minn Malta. Is-Salib beżżiegħi (7). Qatt ma għamlu l-prova meta ħaduha magħna. Jafu t-Torok kemm demm ċarċru f'dina l-art. Jistgħu jagħmlulna d-deni, akbar ikun tagħhom. Aħna nisa li ma nistgħux inġibu l-armi jkollna nbatu. Alla jaf fejn ikollna ningħalqu. Il-għalqa għalina huma t-Torok. Ir-rġiel, balla jisimgħu u jaraw; aħna magħkes nisa (8) nisimgħu u ma narawx.

V. Hekk hu. It-tbatija hi għan-nisa. Hu kif inhu, aħjar il-magħżel mill-azzarin. Ikun kif Alla jrid.

P. Xejn ma tibża'. Is-slaten kollha magħna. Il-Gran Tork jaħseb u jara x'inhu sejjer jagħmel. Kulħadd ħa l-azzarin. Is-swar imdawrin bil-kanuni; ix-xtut iżjed u iżjed. Għawdex qel-

---

(4) *hemma l-għomma wisq*: Għadna sal-lum nisimgħu kliem biżżieda ta' *a* jew *i*, eż. *hemmhekka* u *hawnhekka*, *hinni*, *hemmi* u *mhemmix* (Nadur-Għawdex).

(5) Fuq din is-sentenza De Soldanis jikteb: "nella città Valletta, come non troppo grande, le donne vanno appiè a far le loro visite. Il clima da sè è caldo, così non manca il sudore".

(6) *Għajxa*: Aktarx isem ta' lsira oħra, għax iktar 'il quddiem naqraw "Sieħ il-Għajxa biex tgħinni". Għajxa għadna ngħiduha f'sens ta' tmaqdir.

(7) *Beżżiegħi*: li jbażża'. Mhux bħalma xi drabi rridu nfissru biha l-lum, *li jibża'*!

(8) *magħkes nisa*: mimmat b'tifsira kollettiva: Tfisser l-imsejkna nisa magħkusa.

let bil-Belt ġdida (9). Sa Kemmuna mimlija bil-bronż u ħadid. Jien ma nemminx li t-Tork jiġi, ma għandi fidi f'Alla u f'San Pawl li jekk jiġi, jiftakar u ma jiftaħarx.

V. Hekk hu. Il-Papa bagħat ukoll erba' xwieni, żewġ pinkotti u magħhom kull ġid għal Malta, u kull ma hemm bżonn kontra l-għadu. Oħti, sejra mmur. Wasal il-ħin. Fatma, newwilli l-għonnella u l-mant biex immur.

P. Għala hekk fisa (10)?

V. Jidhirlek fisa? Dallam!

P. X'tibża'? Hemm id-dawl tal-qamar.

V. Ingħidlek. Wara l-ikel żewġi jrid li l-lejla bħalma dari jmur idur dawra u naħtieġ inkun miegħu u mmur għad li jiena għajjiena, għax biex ingħidha f'waħda, ma nħallihx waħdu. l-iżjed għax bil-lejl. Ma' dawn ir-rġiel trid toqgħod magħhom bix-xemgħa tixgħel.

P. Titkellem ma' min hu mġarrab. Fatma, libbisha. Sewwilha l-għonnella. Qegħidilha l-pern f'nofs ġbinha.

Fatma: Dalwaqt, sinjura. Sieħ il-Għajxa biex tgħinni.

P. Ma tafx kemm hi ratba?

Fatma: Kollox ħlist.

V. Sinjura ruħi, inħallilek il-lejl tajjeb.

P. Buonasira. Alla jiġi miegħek. Selli wisq għas-sinjur. Tiddawwarx ma targa' biex toqgħod. Darb'oħra ejja iżjed kmieni.

V. Nagħmel id-dmir tiegħi biex niġi. Addiju.

## VII.—KUMPLEMENTI BEJN IN-NISA BDIEWA META JAGHMLU ŻJARA

V. Saħħa, xbent (1).

P. Għaddi, xbent. Merħba bik. Dina bintek? Merħba bik

---

(9) *il-Belt Ġdida*: Il-Forti Xambrè, mibni fuq il-għolja ta' Ras it-Tafal, fuq l-Imġarr, Għawdex. Il-lum sptar għall-mard tal-lebbra u tal-moħħ. Il-forti nbniet mill-Kavalier Balliju Fr. Jacopo Francesco de Chambray skond id-disinn ta' l-Inġinier Tignè, fl-1750, fi żmien Pinto. Kellu jitlesta bi flus l-Ordni għax Chambray miet qabel tlesta u ma ħalliex il-flus kollha tan-nefqa.

(10) *Fis*, jew, bħalma nsibu fid-djalogu, *fisa*, tfisser malajr, minnufih, bla dewmien xejn.

**VII**

(1) *xbent*: Inġibu l-kliem ta' De Soldanis innifsu: "benchè *xbent* vale commare o commadre, e la visitatrice non sia realmente commadre, tuttafiata è un termine che fra le contadine indica civiltà e confidenza gloriosa e vale mia cara, amata."

u biha. Kemm hi sbejħa?

V. Binti ħlieqa t'Alla.

P. X'jisimha?

V. Kella (2).

P. Kemm-il sena għandha?

V. Fit-tnax.

P. Hija sare: f'daqqa waħda xebba.

V. Dina ż-żerriegħa, xbent, togħla wisq. Filli taraha ċkejkna, filli taraha kbira. Il-ħaxixa ħażina dejjem fuq il-ħaxix tajjeb taqbeż (3).

P. Ġibtx ix-xogħol miegħek. biex noqogħdu qagħda, għax ili nixtieqek. Dina d-darba ilek ma tiġi żżurni, għad li jiena ġejt tant drabi. Ir-raġel jaħdem barra, oqgħod kemm jogħġbok.

V. Ġibt it-tajjar għar-raddiena (4) u Kella ġiebet il-magħżel. B'hekk ingħixu. Ġibt il-kalzetta; ġibt il-ħjata; ġibt l-imħadda għall-bizzilla; ġibt it-tajjar għall-brieret.

P. Ma hux ta' ftit li ġibt miegħek ix-xogħol. B'riħet hekk toqgħod sa fl-għaxija.

V. Emminni, ili ġejja tmint ijiem; 'ma x'inhu? Issa b'ħaġa, issa b'oħra qatt ma stajt: min għandu t-tfal ma jistax jitħarrek. Min irid igħix b'idu ma jistax imur iżur.

P. Ha r-raddiena, ħa l-kebb (5); sewwiha għal qalbek.

V. Qegħdin iħabbtulek il-bieb. Tgħid min ġie?

P. Xi ġâra. Min irid ikun ieħor? Dieħla hija, m'għedtlekx, il-ġâra tiegħi. Merħba bik, ġejt fil-waqt biex noqogħdu nitħaddtuha, u b'riħet hekk naħdmu iżjed.

V.2 Ilhiex hawn xbintna?

P. Kemm qagħdet hija u bintha.

V.2 M'hux ta' ftit li rġajna ltqajna.

V. Oqgħod ħdejja.

V.2 Kif trid. Hux hawn?

---

(2) *Kella*: Bħal Kuzza, dan l-isem huwa vezzeġġjativ, imma ġej minn Domenichella.

(3) Kif igħid il-kittieb fil-manuskritt, dawn huma qwiel Maltin li jingħadu għat-tifla.

(4) *raddiena*: Fi kliem Temi Zammit "ir-raddiena mhix ħlief kaxxa fuq is-saqajn. F'waħda mit-truf teħel rota, imseiħa raddiena li tiddawwar b'manku jew wejda. Fiċ-ċirku tar-rota jgħaddi rumnell li jmur fuq rukkell fit-tarf l-ieħor. Meta bil-wejda ddawwar ir-rota, iddawwar ukoll ir-rukkell" (*In-nissieġa f'Ward ta' qari Malti*, Tielet Ktieb).

(5) *kebb*: Haġa biex tkebbeb fuqha. Għalhekk għandna *mkebba*.

V. Iva.
V. Kif tgħaddiha dan iż-żmien?
V. Qajla tajjeb, niżżu ħajr 'l Alla.
P. Kulħadd b'xi ṣalib.
V. 'Ma tiegħi kbir wisq, għax għandi r-raġel imqareb wisq, u t-tfal saħta ħajja.

P. Iż-żmien tbiddel u qalil wisq. Niftakar fi żmieni li t-tfal kienu dejjem wara misserijiethom. Il-lum kif jorbot l-ħożża (6) jfittxuh u ma jsibuh, għaliex irid jagħmilha ta' raġel qabel ma jkun tifel. U agħar saru x-xebbiet. Fejn issibhom? Fit-twieqi, fl-ibwieb, fil-bjut. Jaraw kif jagħmlu biex jissebbħu. Ikun għad Alla ma rahomx, għajnejhom fuq il-għożżieb biex jiżżewġu.

V. Sejrin immorru. Il-kliem tajjeb u ħelu bħala ċ-ċirasi, 'ma l-ħin daħħilna.

P. Sejra kmieni. Għala hekk fisa?

V. Fisa? Bramt sitt imraden; it-tifla ġiebet żewġ mokkiet? (7) Imbagħad inti taf, irrid notboħ (8) lir-raġel u lit-tfal.

P. Morru bis-sliema.
V. Alla jħennik.

### VIII.—KUMPLEMENTI TAL-VISTU

(Nota ta' De Soldanis: "*Vive ancora in tutta la campagna di Malta e Gozo l'abbarbicato uso presso gli uomini di accompagnare i cadaveri* (1) *dei consanguinei ed amici, e presso le femmine di ricevere le cerimonie ed i complimenti luttuosi. Luttuosi vestendosi tutti con abito nero o sia corruccio; qui solo lo addurrò il modo con cui si riceve e si fa il complimento o la cerimonia lugubre.*)

---

(6) *kif jorbot il-ħożża*: malli jaqbad jitfarfar u jaf xi ħaġa. *Ħożża* tfisser qalziet.

(7) *mokkiet*: Hekk stajt nagħrafha fil-manoskritt. Ma tantx tista' tgħid xi tfisser, jek mhux *mkiekek*, pl. ta' *mekkuk*, li għandu x'jaqsam max-xogħol li qed isemmi. (Bit-taljan ħallieha barra De Soldanis).

(8) *notboħ*: insajjar.

**VIII.**

(1) Fuq did-drawwa De Soldanis iżid jikteb hekk: "Le donne contadine ancora ricevono volentieri questi complementi lugubri. Saranno notate quelle che mancano di farglieli. Per un anno col *corruccio*, visitate da donne parimenti col corruccio consistente in un veletto sul capo detto *mustaxija* ed un altro di seta nera pendenti sino a mezza vita. Gli uomini vestiti di nero e nel loro cappello tengono pendente un velo nero, uso antichissimo......"

V. Alla jidħol magħkom! Alla jhennikom! Jibqa' l-għomor lilkom!

P. Alla jagħtikom is-saħħa! Kif mar u ħalliena! (2) Kemm kien jaf jaħseb għal uliedu u għal daru! Kien raġel tajjeb, nitmaw li mar għand Alla.

V. Xejn iddejqu qalbkom, għax mar għand Alla biex jitolbu għalikom u għalina. U għaliex tibku?

P. Kif ma nibkux? Hadd ma baqgħelna. Min kien jaħseb għalina hu mar. Dar mingħajr raġel hi tagen (3). Hadd m'għandna iżjed li jieħu ħsiebna. Hu kien dejjem bakkari; l-ewwel jisma' quddies fid-dlam imbagħad mis-Suq dejjem jerġa' bil-pastas (4). Xejn ma kien jonqcsha d-dar, u issa minn mindu marad ta' kollox għandna bżonn. Narra Alla jsewwi! (5).

V. Ma jingħalaqx bieb li ma jinfetaħx ieħor (6). Hadd ma għandu jmut wara ħadd.

P. Qajla nista' nitma; uliedi kollha miżżewġa, ilkoll għandhom għal min jaħdmu. Jien għaġeżt (7), ħadd ma jħares lejja iżjed.

V. Iddejjaqx qalbek. Il-ħniena t'Alla kbira wisq, qatt ma tonqos lil ħadd.

P. Mingħajru nista' mmur nara x'nagħmel.

V. Fejn jiena nista', għidli, hawn jien għalik.

P. Alla jagħtik tant ġid kemm inti tixtieq lill-oħrajn.

V. Ma nonqsokx għaliex jaħasra xbini hu u ħaj kien iġibni tajjeb (*jew jekk tkun mara*): Ma nonqsokx għaliex jaħasra kienet xbinti, u kienet tħobbni wisq.

P. Intemm iżda, u mar u ħalliena darba għala dejjem. Kien jiswa; kien jaf jaħseb għal ruħu. Hallieli ħasra kbira. Aħna ma tantx aħna għonja, 'ma kulħadd jaf li ħadd ma ħabbat il-bieb u mar b'xejn, jew flus jew ħobż. Mur issa għidli nagħ-

---

(2) Jekk tkun mara, igħidu *marret u ħallietna*.

(3) Qawl Malti.

(4) *pastas*: reffiegħ tas-Suq. Għad għandna qawl "Min jerfa' qofftu mhux pastas".

(5) *Narra Alla jsewwi!*: Jalla terġa' l-barka f'darna! Hekk jikteb De Soldanis fil-qlib bit-taljan: Iddio guardi ch'ei non ce ne mandi la sua benedizione!"

(6) Qawl Malti.

(7) *għaġeżt*: xjeħt ħafna, sirt għakka.

mel bħalu! Is-salarju (8) naqas. Mnejn inġib issa l-flus biex nagħti? Dak li hu għamel sab, u jiena, għax xejn ma għamilt, xejn ma nsib. Ħsibt għal erba' ċraret, la nista' nilbishom, u la nista' nagħtihom. L-aħjar li nagħmel inbigħhom.

V. Kollox igħaddi. Hadd ma ġie u qagħad magħna u hekkda jiġri lilna jew il-lum jew għada. Xejn tbiegħ. Żomm kollox. Il-mara qatt ma hi għaġuża ħlief meta tmut. Tista' meta trid tidher żagħżugħa meta trid.

P. Temminx li kien isemmik f'ħajtu?

V. Għala le? Ingħarafna (9) minn żogħorna. Ma tiftakarx li kont f'għorskom?

P. Tfakkarnix f'daka ż-żmien. Ili miegħu miżżewġa ħamsa u għoxrin sena dejjem mingħajr għali, iżda x'inhu? Iż-żmien għadda bħal ħolma, donni ma żżewwiġtx, donni qatt ma kelli raġel. Qatt ma ħqarni. Jien kont xi drabi ninkih, u hu qatt ma jitkellem. Xi drabi jagħmlu ħażin ir-rġiel iżiegħlu bina, għax imbagħad nieħdu r-riħ fuqhom. Issa qed nagħli u ma jiswieli, issa nibkih u xejn ma jroddli. Għandi surtu quddiem għajnejja. Mardtu (10) f'moħħi għaliex qatt ma karab, u la qatt riedni nisaħru. 'Ma qatt ma ħallejtu jew bid-dieher jew bil-moħbi. Miet bħal għasfur, u la stkerr u la krieh. Alla jagħtih il-mistrieħ, u lilna l-għomor biex nitolbu 'l Alla għalih.

V. Jiena sejra. Inħallilek il-għomor.

P. Lilek ukoll, xbint, Alla jwasslek bis-sliema.

TMIEM.

---

(8) *salarju*: Donnha m'hix flokha 'dil-kelma. Imma għandna niftakru li nies il-mejjet aktarx kienu jagħmluha tajjeb, għax ftit qabel qrajna li hu kien jerġa' lura mis-Suq bil-pastas, i.e. kellu mnejn jonfoq u jixtri. U għalhekk jista' jkun li kien xi ħadd impjegat u jaqla s-salarju.

(9) *ingħarafna minn żogħorna*: Ilna nafu 'l xulxin ħafna.

(10) *mardtu*: il-marda tiegħu. Ma tismagħhiex il-lum dil-kelma.

# TAGĦLIM FUQ L-ARTI DRAMMATKA

## KONKORS

Bħala egħluq tal-Kors ta' tagħlim fuq l-Arti Drammatka li sar fuq ir-Rediffusion mis-Sur G. Bonavia, taħt it-tmexxija tal-"Public Relations Office", issa ser jitnieda konkors dwar dan it-tagħlim.

Kull ma hu meħtieġ hu li wieħed iwieġeb għall-mistoqsijiet li ġejjin. It-tweġibiet għandhom ikunu iffirmati b'**nom de plume**; l-isem u l-indirizz ta' kull min jidħol għandu jitqiegħed f'envelope magħluq li jkun fih in-**nom de plume** miktub minn barra.

Kull kitba għandha tintbagħat lis-Sur G. Bonavia, c/o Public Relations Office, il-Belt, mhux iżjed tard mit-30 ta' Settembru, 1947.

Ser ikun hemm tliet Premjijiet għal dawk li jwieġbu l-aħjar. Ir-rebbieħa jagħżlu wieħed minn dawn il-premjijiet li ġejjin: "Għadu Kemm Jibda!", ta' Alb. M. Cassola; "Ir-Raġel li ħadha mal-Mewt", ta' Erin Serracino Inglott; u "L-Għanja tar-Rebbiegħa", ta' Ġorġ Pisani.

Il-premjijiet huma għotja **gratis** ta' l-awturi u kull premju huwa awtografat.

L-Eżaminaturi ser ikunu: Is-Sur J.E. Busuttil, is-Sur Ġużè Chetcuti u s-Sur G. Bonavia. Id-deċiżjoni ta' l-Eżaminaturi hija finali.

## MISTOQSIJIET

1. Min hu William Shakespeare? Semmi 5 drammi tiegħu u agħti żewġ persunaġġi ewlenin ta' kull dramm minnhom. (It-tweġiba ma għandhiex tkun aktar minn 300 kelma).

2. Minn fejn ġejja l-kelma DRAMA u xi tfisser? Minn fejn ġejja l-kelma TIJATRU u xi tfisser?

3. Kif għandha tissejjaħ Kumpannija ta' dilettanti Maltin li jaħdmu drammi bil-Malti? Agħti raġunijiet.

4. Semmi ħames kittieba ta' drammi bil-Malti, agħti wieħed jew tnejn mix-xogħlijiet tagħhom u għid ukoll ta' liema għamla huma.

5. X'tifhem b'Tijatru Nazzjonali? Agħti l-idejat tiegħek dwar it-Tijatru Nazzjonali Malti. (It-tweġiba ma għandhiex tkun ta' aktar minn 500 kelma).

JINBIEGH 2s.

Direttur: Dr. Kav. Gużè Galea,
29, Sur Santa Barbara—Valletta.

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 150, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

Ixtru u aqraw dawn il-kotba li jżejnu kull librerija Maltija:—

"**Meta Nħaraq it-Tijatru**", ta' Ġużè Galea.

"**Dawra Misterjuża**", ta' Mary Meylak.

"**It-Taħbila tal-Kamra s-Safra**", traduzzjoni ta' Erin Serracino Inglott.

"**Biex Idderri d-Dwejjaq**", ta' Mons. Dun Pawl Galea.

"**Dwar il-Poeżija Maltija**", ta' Ġużè Chetcuti.

"**Għadu Kemm Jibda**", ta' Alb. M. Cassola.

"**Is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji**", ta' Dun Ġuż. Zarb.